# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 55 - **MARZU 2020**

# werrej


| | |
|---|---|
| **L-Editorjal** | **2** |
| **L-Aħbarijiet** | **3** |
| **Reazzjonijiet** | **7** |
| **Intervista ma' Melanie Camilleri** | **9** |
| **Intervista ma' Joanne Micallef** | **12** |
| **Rakkont ta' Vanessa Fenech** | **15** |
| **Rakkont ta' Victor V. Vella** | **16** |
| **Kitba ta' Rigu Bovingdon** | **18** |
| **Tislima lil Pawlu Mizzi** | **19** |
| **Rakkont ta' Carmen Refalo** | **26** |
| **Il-Poeżiji** | **29** |
| **Versi lil hinn minn xtutna** | **32** |
| **Minn fuq l-ixkaffa** | **33** |








Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

Ta' kull sena, nhar is-27 ta' Jannar, jitfakkar Jum il-Memorja, jum li jfakkar is-sitt miljun Lhudi li ġew maqtula fil-kampijiet tal-konċentrament mill-magna Nażista fit-Tieni Gwerra Dinjija. Hemm moviment sħiħ li jagħmel minn kollox biex jipprova jbellagħha li l-Olokawst qatt ma kien, imma hu biss invenzjoni biex tnessi l-fatt li l-Lhud qatt ma kienu poplu maħbub minn ħafna. Kontra t-tfakkira ta' Olokawsti u ġenoċidji bħal dawn - li huma bosta u li seħħew f'diversi inħawi tad-dinja matul epoki storiċi differenti - hemm il-misħuta tnessija, jew moviment inviżibbli li jagħmel minn kollox biex jiġġenera l-amnesia kollettiva. Bosta jafu li bniedem jew poplu jimxu 'l quddiem meta jkunu konxji ta' dak li seħħ fl-imgħoddi u meta jpoġġu ċ-ċirkostanzi personali u nazzjonali tagħhom f'kuntesti ikbar li jmorru lil hinn mil-limiti nazzjonali jew tal-waqt preżenti. Min hu intelliġenti jitgħallem mill-iżbalji tal-oħrajn u tal-imgħoddi; l-imgħoddi jgħallimna nżommu għajnejna miftuħin u ma nagħmlux l-istess żbalji li għamlu ta' qabilna, biex b'hekk ma nerġgħux lura għal sitwazzjonijiet fejn jaħkmu d-diżumanità, il-mibegħda lejn l-"ieħor", il-populiżmu, u n-nazzjonaliżmu fit-tifsira dejqa tiegħu.

U hawn tidħol l-importanza tas-sistema edukattiva. Sistema edukattiva tajba hija dik li tipprepara liċ-ċittadini żgħar mhux biss biex 'il quddiem ikunu ċittadini produttivi mil-lat ekonomiku u finanzjarju - u hawn jidħlu suġġetti bħalma huma x-Xjenzi, il-Kontabilità, il-Marketing, l-Istudji Ekonomiċi, u l-bqija -, imma fuq kollox ċittadini b'kuxjenza u moralità eżemplari, mela ċittadini li jpoġġu fuq quddiem nett mhux l-egoiżmu, il-"jien" u l-"issa", imma l-altruwiżmu, l-imħabba lejn il-proxxmu, ir-rispett lejn l-ambjent li ngħixu fih, l-għarfien li neħtieġu ngħaddu lil dawk ta' warajna dinja aħjar u mhux agħar minn dik li għaddewlna ta' qabilna. Dan jiġi bl-inklużjoni fil-Kurrikuli Nazzjonali ta' suġġetti bħalma huma l-Istorja, l-Ilsna, il-Letteratura Nazzjonali u Dinjija, l-Istudji Soċjali, il-Xjenzi Soċjali, u l-bqija. Fuq kollox, l-istudenti tal-lum għandhom jiġu mgħallma u mitħarrġa fil-Ħsieb Kritiku ħalli 'l quddiem ikollna iktar ċittadini li jesprimu fehmiet - mhux opinjonijiet fiergħa - u jagħrfu jkunu tolleranti u jirrispettaw il-fehmiet ta' min ma jaqbilx magħhom, filwaqt li jagħrfu x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin, u jagħmlu minn kollox biex isibu t-triq tal-kompromess.

F'dawn l-aħħar jiem kont qed naqra awtobijografija ta' sopravissuta tal-kampijiet tal-konċentrament f'Auschwitz u f'Bergen-Belsen, Dita Kraus, li llum għandha kważi 90 sena u hija bużnanna. Il-ktieb jismu *A Delayed Life*, sottotitolat "The powerful memoir of *The Librarian of Auschwitz*." Dan tal-aħħar inzerta t-titlu ta' rumanz miktub minn Antonio Iturbe, kittieb, ġurnalist u professur Spanjol li intervista lil Dita Kraus, il-mara ta' sopravissut ieħor tal-Olokawst, Otto B. Kraus, hu stess kittieb u awtur tar-rumanz awtobijografiku *The Children's Block*. Dawn huma tliet kotba li nkitbu reċentement fl-ilsna oriġinali u ġew ippubblikati fl-ilsien Ingliż f'dawn l-aħħar tliet snin. Kollha jixħtu dawl fuq il-ħajjiet ta' persuni u familji sħaħ li kienu jgħixu ħajja normali bħalna, imma mil-lum għal għada s-sitwazzjoni tagħhom inbidlet min-nhar għal-lejl, proprju minħabba l-ġenn ta' persuni maħkumin mill-mibegħda li mmanipulaw miljuni ta' mħuħ dgħajfa - li ma kellhomx bażi umanistika u storika tajba - tant li kkonvinċewhom jaħsbu bħalhom u jkunu l-kaġun ta' gwerer u olokawsti li serqu l-ħajjiet ta' miljuni kbar ta' nies innoċenti, ta' kull età, sess u nazzjonalità.

Illum bosta qed jistaqsu fejn sejra l-umanità: jekk hux verament miexja 'l quddiem jew jekk fil-fatt hux lura. Bosta, għalkemm mhux kulħadd, fehmu li qed jerġgħu jieħdu r-riedni f'idejhom l-egoiżmu, il-manipolazzjoni tal-imħuħ dgħajfa, il-popoliżmu, in-nazzjonaliżmu, ir-razziżmu, ir-regħba, il-korruzzjoni, u l-bqija. Hemm min se jgħid li din hija biss esaġerazzjoni jew propaganda li twarrab kull pass 'il quddiem li qed isir fil-qasam ekonomiku jew xjentifiku. U hawn m'iniex nirreferi għall-kuntest nazzjonali biss - fejn fost l-oħrajn qed nassistu għall-Olokawst tas-siġar u tal-pajsaġġ naturali, biex ma nsemmix l-'olokawst' ta' kull valur morali li jista' jeżisti -, imma anki għall-kuntest globali, fejn qed naraw mexxejja dittatorjali li jippożaw ta' demokratiċi u ħbieb tal-poplu u n-nazzjon, pajjiżi li jaħsbu għal rashom u jibagħtu jixxejru l-bqija tal-membri tal-'familja', u l-bqija.

Bosta drabi jiena nistaqsi x'qed iwassal għal dan kollu? Parti mir-raġuni hi l-fatt li llum il-prijorità fil-qasam edukattiv hija l-kisba taċ-ċertifikazzjoni akkont ta' kollox, anki jekk din m'hi xejn ħlief sistema li qed tipproduċi maġġoranza ta' mħuħ vojta, ċittadini neqsin minn kull ħsieb kritiku, kondixxendenti, kollettività li faċilment tagħlqilha ħalqha u tinxtara biċ-ċejċa, kollettività li tiġi titmellaħ minn dak li seħħ fl-imgħoddi u minn dak li jista' jseħħ fil-ġejjieni, għalkemm diġà qed naraw sinjali ċari ta' dak li qed niżirgħu llum. Personalment naħseb li parti żgħira mis-soluzzjoni - jew kbira? - hija l-Qari: il-qari ta' materjal miktub minn min verament iħobb lill-umanità, u fost dawn hemm storiċi, kittieba, kritiċi letterarji, ġurnalisti ħielsa, imma anki xjentisti, filosofi u oħrajn.

### JUM NAZZJONALI DDEDIKAT LIL DANTE FL-ITALJA

Sena qabel ma jibdel iċ-ċelebrazzjonijiet tas-700 anniversarju mill-mewt ta' Dante Alighieri, il-gvern Taljan ħabbar li l-25 ta' Marzu ta' kull sena għandu jkun id-Dantedì, jew il-Jum Nazzjonali ddedikat lil Dante. Għaliex din id-data? Skont l-istudjużi, il-vjaġġ fittizzju li hu jirrakkonta fid-*Divina Commedia*, li ħadu mill-Infern, għall-Purgatorju u fil-Ġenna, beda f'din id-data, matul il-ġimgħa tal-Għid tas-sena 1300. Dante hu kkunsidrat wieħed mill-aqwa poeti mhux biss fl-Italja imma fid-dinja kollha. Hu twieled f'Firenze fl-1265 u miet eżiljat f'Ravenna fl-1321, fejn għadu midfun sal-ġurnata tal-lum.




### WAQT IL-FESTIVAL TAL-KTIEB F'GĦAWDEX

Bħala parti mill-Gozo Book Fest, fl-aħħar jiem ta' Novembru 2019, fil-Librerija Nazzjonali fi Triq Vajringa, Victoria, ittellgħet Wirja biex tfakkar l-400 sena tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu ta' Amadeo Perugino. Barra minn hekk, id-Direzzjoni tal-Librerija tellgħet serata Marjana li matulha nqraw poeżiji dwar il-Madonna minn diversi poeti, fosthom Francesco Pio Attard, Il-Kan. Joe Mejlak, Patri Wistin Attard Kap., Fr Geoffrey G. Attard, Ġanninu Cremona, Patri Remiġ Galea Kap., Joe M. Attard, Patri Ġiżwita Ġużè Delia, u Robert Gatt. Ħadu sehem diversi qarrejja Għawdxin. Inżammet ukoll serata fil-Librerija li matulha saret diskussjoni dwar is-Sur Pawlu Mizzi, Fundatur tal-Klabb Kotba Maltin u llum magħruf bħala 'Missier il-Ktieb Malti' billi kien hu strumentali biex bosta kittieba setgħu jaraw ix-xogħol tagħhom stampat u ppubblikat. Il-Panel kien magħmul minn George Mallia, Trevor Zahra u Sergio Grech waqt li l-Kav. Joe M. Attard mexxa d-diskussjoni bis-sehem ukoll ta' diversi persuni li għamlu l-interventi tagħhom minn fost il-pubbliku sabiħ li attenda fosthom Manwel Schembri, Joe Camilleri, Toni Mizzi, kif ukoll ulied Pawlu Mizzi. Kienet preżenti wkoll l-armla ta' Pawlu Mizzi, Marija. Ilkoll qablu li Pawlu Mizzi tassew jixraqlu jissejjaħ Missier il-ktieb Malti għax kien hu li sa minn żmien twil ilu emmen li l-Malti kelluu jsib postu fuq il-pedistall li jixraqlu u beda jħajjar u jgħin bosta awturi u kittieba biex joħorġu għad-dawl il-kitbiet tagħhom u kien hu fil-fatt li waqqaf il-Klabb Kotba Maltin u l-Midsea Books li tawna bosta kotba Melitensia, il-*Miklem Malti*, l-Istorja ta' Malta u Għawdex, is-sensiela Heritage, id-*Dizzjunarju* ta' Aquilina, il-Ktieb tax-xahar li kien jinkludi rumanzi, drammi, foklore, poeżija, kotba għat-tfal u tant u tant pubblikazzjonijiet oħra. Naturalment din l-attività kollha ma waqfitx mal-mewt tal-Fundatur, iżda llum nsibu lil ibnu Joseph li qed ikompli din il-ħidma kollha. Intant fi tmiem is-serata l-uffiċċjal tal-Libreriji f'Għawdex George Cassar radd ħajr lil kull min ħa sehem waqt li matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu mexxa żewġ tours mar-Rabat l-antik tagħna u spjega u wera fejn kienet l-ewwel librerija u tkellem dwar l-istorja tagħhom. **[Rapport tal-Kav. Joe M. Attard]**

### SERATA MUŻIKO-LETTERARJA F'ĠIEĦ PAUL P. BORG



Nhar il-11 ta' Diċembru, ulied il-kittieb Paul P. Borg, Reuben u Randolph, organizzaw lejla możiko-letterarja sorpriża f'ġieħ missierhom li għalaq 70 sena. Is-serata saret taħt il-patroċinju tal-E.T. George Vella, President ta' Malta, u s-Sinjura Vella, fil-Palazz ta' San Anton. Għal din il-lejla kienu mistiedna personalitajiet distinti, familjari u numru ta' kittieba, kollegi u ħbieb ta' Paul P. Borg. Inqraw siltiet minn xogħlijiet letterarji varji tal-kittieb, filwaqt li l-pubbliku seta' jgawdi studji u riflessjonijiet differenti dwar il-kittieb iċċelebrat minn kittieba u akkademiċi oħra bħal Charles Briffa, Victor Fenech, Oliver Friggieri, Charles Flores, Alfred Sant, u Trevor Żahra. Uliedu Reuben Paul u Randolph Carl fetħu u għalqu s-serata rispettivament billi qraw kitbiet mill-pinna

tagħhom stess. Sar ukoll Diskors qasir mill-E.T. George Vella, filwaqt li ġie mniedi l-ktieb *Ġirja fix-Xagħri - ġabra ta' Reuben Paul Borg dwar Paul P. Borg*. Sebbħu l-lejla numru ta' qarrejja, kantanti u mużiċisti differenti. L-okkażjoni għalqet b'riċevment fil-Palazz ta' San Anton.

### TAĦDIDIET OĦRA IT-TRADIZZJONI ORALI FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Nhar is-17 ta' Diċembru 2019, fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta, Tal-Qroqq, Abigail Deguara ppreżentat taħdita dwar "Minn ta' min int? Analiżi Lingwistika tal-Laqam Personali". Din kienet il-ħames attività mis-sensiela fuq It-Tradizzjoni Orali, proġett immexxi mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta bil-Fondi tar-Riċerka tal-Università ta' Malta u bl-appoġġ tal-Klabb Kotba Maltin. It-taħdita ttrattat il-laqmijiet ta' individwi u familji Maltin; tikketti li għal xi wħud huma ħelwin u għal oħrajn imbarazzanti, imma li lkoll ifakkru ħsibijiet antiki li baqgħu jintirtu minn ġenerazzjoni għall-oħra bil-fomm. L-istudju li għamlet Abigail Deguara ħares lejn numru ta' laqmijiet minn perspettiva lingwistika, analizza l-binja tagħhom u kklassifikahom skont għadd ta' kriterji. B'hekk it-taħdita mhux biss tat informazzjoni ġenerali dwar il-laqmijiet personali imma ffokat wkoll fuq l-elementi varji li jsawruhom. Abigail Deguara, għandha 21 sena u toqgħod il-Mosta. Din is-sena għadha kemm lestiet il-kors tal-Baċellerat fl-Arti bl-Unuri fil-Malti u issa bdiet Masters fit-tagħlim.

Taħdita oħra saret nhar it-28 ta' Jannar 2020, minn Dr Anna Borg Cardona, intitolata "Strumenti Marbutin ma' Ritwali u t-Tkeċċija tal-Ħażen." L-istrumenti mużikali bikrin ma nħolqux għat-ton sabiħ tagħhom, jew għall-pjaċir, iżda kienu hemm għax kellhom funzjoni x'jaqdu. Fit-taħdita tagħha, Dr Anna Borg Cardona tkellmet fuq strumenti bażiċi li jmorru lura sew fiż-żmien, u li għandhom l-ikbar rabta ma' ritwali u mat-tkeċċija tal-ħażen. Dawn ir-ritwali spiss insibuhom marbutin mal-biżgħat li kellu l-bniedem fl-għajxien ta' kuljum u fl-eżistenza tiegħu. Għaldaqstant, huma assoċjati mal-ħajja agrikola, mal-istaġuni, u maċ-ċiklu tal-ħajja tal-bniedem u tal-bhejjem tiegħu. It-taħdita wriet kif il-familja, l-art u l-bhejjem kienu jitqiesu l-aktar għeżież għall-bniedem u għalhekk kienu l-iżjed li jeħtieġu dik il-protezzjoni li tbegħidhom mill-għawġ, mill-għajn, u minn kull tip ta' periklu u ħażen. Dr Anna Borg Cardona kisbet Baċellerat fl-Arti fl-Ingliż u l-Franċiż mill-Università ta' Malta, u diplomi fid-daqq u t-tagħlim tal-mużika minn Trinity College ta' Londra, Fellowship mil-London College of Music, u Ph.D fil-mużika mill-Università ta' Southampton. Dr Borg Cardona, tgħallem part-time fl-Institute of Maltese Studies tal-Università ta' Malta. Anna Borg Cardona waqqfet il-grupp Ġukulari Ensemble b'repertorju ta' mużika ta' Malta rriċerkata minnha u d-daqq ta' strumenti Maltin.

### JINGĦALQU IKTAR MINN 800 LIBRERIJA FIR-RENJU UNIT MILL-2010 SAL-LUM



Il-ġurnal Ingliż 'The Guardian' f'Diċembru li għadda rrapporta li minn mindu l-gvern Ingliż fl-2010 ħabbar politika ta' awsterità, kien hemm tnaqqis ta' 17% tal-fergħat tal-libreriji pubbliċi, flimkien ma' tnaqqis drastiku fin-numru ta' ħaddiema u fondi fis-settur. Dan jgħodd mat-800 fergħa magħluqa fi żmien għaxar snin. Anki n-numru ta' persuni li jżuru l-libreriji pubbliċi naqas: filwaqt li bejn l-2009 u l-2010 kien hemm mat-315 miljun persuna li żaret il-libreriji, fl-2018 dan in-numru niżel għal 226 miljun. Quddiem din is-sitwazzjoni, Boris Johnson wiegħeb li l-pajjiż ikun jista' jinvesti mill-ġdid iktar fil-libreriji pubbliċi ġaladarba jerġa' jirkupra ekonomikament. Għal din it-tweġiba, Nick Poole, kap eżekuttiv taċ-Cilip (The Library and Information Association), qal li din hija politika żbaljata, ladarba l-idea hi li aktar kemm wieħed jinvesti fil-libreriji, aktar ikun qed joħloq opportunitajiet għall-edukazzjoni u għas-snajja' fil-pajjiż, u bħala konsegwenza jiġu maħluqa l-kundizzjonijiet għal tkabbir ekonomiku fil-futur. Ta' min wieħed jgħid li fil-preżent għad hemm iktar minn 3,500 fergħa miftuħa fir-Renju Unit.

### SENSIELA TA' TAĦDIDIET FIL-KUNSILL LOKALI TAL-IMĠARR

Nhar il-Ħadd 12 ta' Jannar reġgħet bdiet sensiela ta' taħdidiet fil-Kunsill Lokali tal-Imġarr. Ġew ippreparati għadd ta' suġġetti li jolqtu intesessi varji. L-ewwel taħdita tmexxiet mis-Sa Maria Elena Zammit li tkellmet dwar "Żviluppi riċenti dwar il-Preistorja f'Malta." It-taħditiet jibdew dejjem fl-10.30 am u wara jkun hemm ftit ħin għall-mistoqsijiet. Taħdidiet oħra li saru kienu "Aħna u l-Għasafar" mis-Sur Natalino Fenech (26 ta' Jannar), "Int f'Liema Triq Toqgħod?" mis-Sur Mario Vassallo (9 ta' Frar), u "Il-Priedki Qodma Ħafna" minn Dr Olvin Vella (23 ta' Frar). It-taħditiet ser ikomplu fix-xahar ta' Marzu b' "Ir-Rgħajja Spiritwali tal-Imġarr" mill-Mons. Alwiġi Deguara (8 ta' Marzu), u "Weraq u Zkuk" mis-Sur Mark Psaila (22 ta' Marzu).

### TAĦDITA PUBBLIKA B'RITRATTI U FILMATI TA' GILBERT CALLEJJA FL-UNIVERSITÀ

Nhar l-14 ta' Jannar 2020, fl-Università ta' Malta, Tal-Qroqq, il-fotografu u riċerkatur Gilbert Calleja ta taħdita bir-ritratti u l-filmati dwar l-esperjenza tiegħu ta' riċerka fuq medda ta' snin fuq lanċa tas-sajd Xlukkajra. Fit-taħdita, "Mhux Tradott u Intraduċibbli: Id-diskors f'dokumentarju etnografiku fuq lanċa tas-sajd," Gilbert Calleja, li jaħdem fil-qasam tad-dokumentarju fotografiku, stħarreġ il-lingwaġġ użat mis-sajjieda. Fit-taħdita tiegħu, Gilbert Calleja tkellem fuq l-esperjenza fit-tul li għamel fuq lanċa tas-sajd Maltija u fuq kif is-sajjieda jużaw il-lingwa. Illum mal-Maltin jaħdmu diversi barranin bħala ekwipaġġi u għalhekk id-dinamika fuq il-laneċ hi totalment differenti minn dik li kienet sa għoxrin, tletin sena ilu. Permezz ta' diversi eżempji mix-xogħol awdjoviżiv tiegħu ddiskuta l-użu tal-lingwa biex tqanqal l-emozzjoni, toħloq tensjoni u tasal għal interpretazzjoni poetika fir-rakkont mhux mistħajjel. Gilbert Calleja, li twieled fl-1978, huwa fotografu u riċerkatur li jiffoka fuq temi soċjali f'Malta u fir-regjun tal-Mediterran u jiddokumenta nies u sitwazzjonijiet fuq medda ta' snin sħaħ ta' riċerka.

### IL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB 2019 – AĠĠORNAMENT

Wara li ċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2019, għal kotba ppubblikati fl-2018, tħassret f'Novembru li għadda, is-serata ttellgħet nhar it-30 ta' Jannar taħt il-patroċinju tal-President tar-



**Il-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb Mark Camilleri**

Repubblika ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu George Vella. Iċ-ċerimonja tmexxiet mill-qarrej tal-aħbarijiet u ġurnalist ta' TVM Keith Demicoli. L-awturi u l-pubblikaturi rebbieħa rċevew il-premju mingħand l-E.T. George Vella. Dawn inkludew il-premji għall-kotba (ippubblikati fl-2018) li kklassifikaw mal-finalisti fi tmien kategoriji rispettivi. Ir-rebbieħ fil-kategorija 'Novelli bil-Malti u bl-Ingliż' huwa Trevor Żahra bi *365* (Merlin Publishers). It-titlu rebbieħ fil-kategorija 'Riċerka Ġenerali' huwa *Il-Maltin: Għemilhom, Drawwiethom, Ġrajjiethom; It-Tieni Volum* ta' Steve Borg, ippubblikat minn Klabb Kotba Maltin. *Fortress Colony: The Final Act 1945-1964; Vol 4 1961-1964* ta' Joseph M. Pirotta (Midsea Books) rebaħ fil-kategorija 'Riċerka Bijografika u Storjografika'. Marie Briguglio u Steve Borg rebħu l-premju fil-kategorija 'Letteratura mhux Fittizja' b'*No Man's Land: People, Place & Pollution* (Kite Group). *Parallel Existencies. The Notarial Archives: A Photographer's Inspiration* ippubblikat minn Kite Group rebaħ il-Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb. Il-premju għall-kategorija 'Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż' ma ngħatax. Maria Grech Ganado rebħet il-premju fil-kategorija 'Poeżija bil-Malti u bl-Ingliż' bil-ġabra *Framed* (Merlin Publishers). Peress li diġà rebħet il-premju msemmi fl-2000, l-2006 u l-2015, Grech Ganado hija wkoll l-ewwel rebbieħa tal-Premju Poeta Lawreat. Il-Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti ngħata lil Gioele Galea. Il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba, li rrikonoxxa karriera letterarja distinta u sħiħa b'lista twila ta' pubblikazzjonijiet fosthom drammi, novelli, rumanzi u kotba oħra, ingħata lil Dr. Alfred Sant. Il-ktieb rebbieħ fil-kategorija 'Traduzzjoni' hu *Passjoni Sempliċi* ta' Annie Ernaux, maqlub għall-Malti minn Toni Aquilina (Faraxa Publications).

### TAĦDITA PUBBLIKA DWAR VASSALLI FIL-BELT

Nhar it-22 ta' Jannar, is-Soċjetà Storika ta' Malta tellgħet taħdita bl-isem ta' "Vassalli fit-Turufnament - Il-Provi." Il-kelliem ewlien kien Dr Mark A. Sammut u s-sit magħżul kien Casa Lanfreducci, fi Pjazza Jean De Valette.

### GĦELUQ IL-MITT SENA MIT-TWAQQIF TAL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI



**L-ewwel Kunsill tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, 1920**

Għaddew mitt sena! Kien il-jum tal-14 ta' Novembru 1920 meta tajfa ta' kittieba wieġbu għas-sejħa ta' Franġisk Saver Caruana u ltaqgħu fl-Unione Cattolica San Giuseppe fil-Belt Valletta. Kienu jgħoddu sitta u tletin kittieb u nġabru bil-għan li jsir studju dwar l-ortografija u li jissawwar alfabett li jibda jużah kulħadd. Awturi oħrajn qablu magħhom fil-ħsieb u bagħtu l-appoġġ tagħhom bil-kitba. Il-Kummissjoni li ħatret dik il-laqgħa ppreżentat il-fehmiet tagħha fil-laqgħa ġenerali tat-18 ta' Diċembru 1921. Sabiex jitwettqu l-għanijiet tal-Għaqda kien jeħtieġ li jkun hemm statut li tressaq u ġie approvat fil-laqgħa tas-7 ta' Mejju 1922. F'dik il-laqgħa nħatar l-ewwel Kumitat. Il-pass li jmiss kien li toħroġ il-grammatika tagħha li dehret fl-1924 bit-titlu *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*. Fl-1 ta' Novembru ta' dik is-sena nħatret kummissjoni biex tibda toħroġ ir-rivista Il-Malti li beda joħroġ fl-1925. Fl-1932 il-Gvern għaraf uffiċjalment l-ortografija tal-Għaqda u bdiet tintuża fl-iskejjel u fl-1 ta' Jannar 1934 għaraf uffiċjalment l-alfabett u l-ortografija tagħha. Din kienet l-akbar rebħa tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti. Dan l-anniversarju se jiġi ċċelebrat kif inhu xieraq. Il-Kunsill ħa ħsieb jagħżel l-aħjar proposti li tressqu mill-imsieħba. Fost dawn: Ħarġa speċjali ta' 'Il-Malti' li tiġbor il-ġrajja tagħna, il-ħidma li għaddejja u l-isfidi quddiemna; Ċirkulari stampata bl-attivitajiet li saru matul dawn l-aħħar għaxar snin; Wirja organizzata ma' Heritage Malta dwar l-ilsien Malti – mill-bidu sal-għarfien uffiċjali u pubblikazzjonijiet marbutin magħha; Intervisti mal-awturi tas-sittinijiet (kofinanzjati mad-Dipartiment tal-Malti) li kif jitlestew ikunu aċċessibbli mill-istazzjon tal-Akkademja fuq YouTube; Memorabilja: werrejja, pinna u l-pendrive kommemorattivi għall-membri; Jingħata 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' fl-14 ta' Novembru 2020; Jitnieda l-proġett tal-ittri mill-alfabetti qodma tal-Malti; Quddiesa u żjara lill-oqbra tal-kittieba fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata.

### IR-RIVISTA SAGĦTAR SE TERĠA' TIEĦU L-ĦAJJA WARA ĦAMES SNIN ASSENZA




L-Għaqda tal-Għalliema (MUT) qed tippjana li terġa' tagħti l-ħajja lir-rivista 'Sagħtar' iktar tard din is-sena. Għal snin twal 'Sagħtar' kienet għodda importanti ħafna fil-proċess tat-tagħlim fil-klassi. Il-bidu tar-rivista jmur lura għas-sena 1971, imma kien fl-1976 meta l-MUT ħaditha f'idha u stampata għal 44 sena sħiħa minn Ottubru sa Mejju, sakemm kellha titwaqqaf minħabba nuqqas ta' fondi fl-2015. L-MUT bħalissa qed tistieden lil kull min jixtieq jikkontribwixxi biex jidħol fis-sit virtwali tagħha u jimla applikazzjoni apposta. Is-sabiħ hu li 'Sagħtar' li se naraw minn Ottubru 2021 'il quddiem se jkollu preżentazzjoni iktar moderna u se jidher kemm bħala publikazzjoni stampata kif ukoll diġitali. Apparti bħala għodda edukattiva għall-istudenti, 'Sagħtar' għandu jservi bħala vetrina għal kittieba u artisti stabblilit kif ukoll emerġenti. Il-kontribuzzjonijiet jistgħu jkunu ta' għamliet differenti: kitbiet, illustrazjonijiet, materjal awdjoviżiv, riċerka u tagħrif, materjal rikreazzjonali, u l-bqija.



**Email mingħand Charles Casha, l-1 ta' Diċembru 2019**

Grazzi Patrick u prosit tassew! Biċċa xogħol kbira li ftit ftit qiegħed tibni arkivju imprezzabbli tal-letteratura taghna.

Charles Casha

**Email mingħand Joe Borg, l-1 ta' Diċembru 2019**

Għażiż Patrick,

Wasalli IL-PONT nru 54. Nixtieq ngħidlek prosit (għadni kemm tajtu ħarsa fuq fuq) u GRAZZI tat-tifkira tassew xierqa f'ġieħ Manwel Cassar tal-Awstralja.

Se ngħaddi din il-ħarġa lil ħutu u 'l martu. Żgur li se japprezzawha ferm, anke jekk forsi wliedu ma jafux jaqraw il-Malti. Għandi nifhem li martu tista' taqralhom kollox.

Joe

**Email mingħand Vanessa Fenech, it-2 ta' Diċembru 2019**

Għażiż Sur Sammut,

Grazzi u prosit tassew ta' IL-PONT!

Ħamsin paġna fejn tintilef f'wieħed mill-isbaħ passatempi li għandi għal qalbi - il-qari.

Tislijiet,
Vanessa

**Email mingħand Paul P. Borg, it-2 ta' Diċembru 2019**

Grazzi ta' IL-PONT Patrick.

Bħas-soltu mimli daqs bajda b'tagħrif utli sewwa li jżommok aġġornat.

Grazzi talli għoġbok iġġib tagħrifa dwar il-ktieb ġdid tiegħi *Weġgħat*.

Kitbiet ta' livell u intervisti li jdaħħluk fil-qalb tal-kittieb.

Ħafna xogħol ta' fejda!

Tislijiet,
paul p. borg

**Email mingħand Narcy Calamatta, bejn it-2 u s-6 ta' Diċembru 2019**

Tajjeb li lill-ħabib tagħna Alfred Palma infakkruh li fil-festival kulturali 'Iljieli Mediterranji' konna tellajna fuq il-palk paġent tal-*Infern* ta' Dante. Josette Ciappara kienet ir-reġista u taf iktar fuq dan il-fatt.

Meta tellajt produzzjoni x'aktarx kontroversjali iżda imnebbħa tat-traġedja ta' Shakespeare *Guljetta u Romeo Flambe* (kif semmejtha jien), fl-1997, kont użajt it-traduzzjoni eċċellenti ta' Alfred Palma.

Kont kellimtu fuq il-valur storiku tal-ġrajja u hu dlonk qalli li fil-kanto 15 tad-*Divina Commedia* ta' Dante hemm imsemmija twiddiba lill-konti ta' Verona li tgħidlu li aħjar imur lura fil-belt tiegħu u jtaffi l-ġlied li hemm bejn il-Kapuleti u l-Montekki. Kif qalli hu sibtha ċara fit-traduzzjoni tiegħu stess...



Għandi dejn kbir ma' sieħbi Alfred Palma għaliex meta nsemmi dan l-episodju barra minn Malta kulħadd jibqa' mistagħġeb kemm jilħqilna lilna l-Maltin. Ħadd qabilna qatt ma kien għamel din il-konnessjoni bejn Dante u Shakespeare tliet mitt sena wara.

Irridu niftakru wkoll illi fl-2010 Mario Micallef għamel il-maratona ta' 90 minuta b'reċitazzjoni tat-test tad-*Divina Commedia* bil-Malti, traduzzjoni ta' Palma.

Narcy.

**Bħala tweġiba għall-ħsieb ta' Calamatta, Palma jżid hekk:**

Dante jsemmi lill-Capuletti u lill-Monetcchi (Romeo u Ġuljetta) f'Canto XV tal-*Ġenna*, b'hekk juri kif Shakespeare kien jislet ħafna mid-drammi tiegħu minn ġrajjiet ibbażati fuq il-verità li kienu jseħħu partikolarment fl-Italja. In-narratur fil-Canto XV kien Cacciaguida, in-nannu ta' Dante .

**(minn email, it-3 ta' Diċembru 2020)**

**Email mingħand Amanda, it-3 ta' Diċembru 2019**

Patrick, grazzi tassew mill-qalb. Tassew napprezza immens s-support tiegħek u d-dedikazzjoni tiegħek lejn din ir-rivista eċċellenti li qed tagħmel unur lil-letteratura Maltija.

Grazzi u tislijiet,
Amanda

## QBADTNI MMISS IL-KOTBA TIEGĦEK

Meta qbadtni mmiss il-kotba tiegħek
farraktni
kliemek ġebel
bħall-kotba
li waslu għal fuqi.

Fakkartni
kemm huma ibsin
is-sentenzi twal ta' mħabba,
kemm int taf tħotthom
waħda waħda
taparsi tifhimhom,
kemm int taf tħalli
serbut ta' kliem
li jien ma nifhimx
biex insib triqti lejk.

Il-kotba tiegħek
għandhom ħabta jiċċaqalqu minn posthom
bla ma taf
billejl
meta tiġi ħdejja

u kull filgħodu jkollhom sens ġdid
biex terġa' tfarrak u tħott
is-sentenzi kollha ta' mħabba
li ħsibt li sibt fihom.

**SIMONE GALEA**
**(minn *xi drabi mqar persuna*, KKM, 2011)**



## AN INTERVIEW WITH MELANIE CAMILLERI, AUTHOR OF TWO POETRY COLLECTIONS: *THE ARROW AND THE SONG* AND *BAYADÈRE*

**When did you start writing verse?**

I started scribbling around the age of nine. I used to watch cartoons on an Italian television channel, and I can reminisce quite vividly how I used to be utterly engrossed by the stories being presented wherein the characters would undergo radical change and evolve into a glorified hero or be doomed to becoming the typical villain. I would then write verse to narrate the anecdotes in rhythmic form, using alliteration and very fanciful language. At the time though, my writing was in Italian.

**Why write in English? Is it linked to your interest in the English Romantic poets?**

I feel extremely at ease writing in English, perhaps because most books I read are in English. Of course, the Romantic poets have had the greatest influence on me. I find their use of the English language very pleasing and resourceful most especially John Keats' language. The life-long creed of Keats was Beauty and his language reflected that profusely. In his poem "Endymion" he proudly remarks that: "A thing of Beauty is a joy for ever." There was never a more ardent lover of Beauty than John Keats. As a matter of fact, his writing style is characterized by exceedingly sensual imagery and both his diction and lyrical prowess are highly connotative, endlessly praising the purity of rapturous sighs, delicious sweetness and flowery bowers. In my first publication "The Arrow and the Song" I endeavour to emulate his style particularly in my poems Endymion, Endymion's Dream, Orpheus Sleeps by Forest Streams and Eurydice.

**Great part of your inspiration derives from mythology, the Greek and Roman classics, narratives of the East and Middle East and the Bible story. Why so? Do such narratives still exert any influence on today's daily life?**

I am smitten with the world of the marvellous and that of archetypal men and women. Notions of the 'marvellous' and the 'dreamlike' seem to permeate my mind daily; notions which I hope I shall continue to diffuse throughout future poetic ventures. I enjoy writing about flamboyant fictitious characters; characters existing merely in the realm of the imaginary, but which are very real to me. When I write, I do not care for seeing through the falsehood of the character being described but willingly give myself up to so agreeable an imposture. I have always been inclined towards mythology, the Greek heroes and heroines especially, though characters from Eastern philosophies and various religions enthral me with the same degree of fascination. They have an immediate charm which I cannot resist. In my latest book "Bayadère" I wrote about Salome, the stepdaughter of Herod Antipas whose story I find infinitely alluring. Oscar Wilde in his memorable play 'Salome' portrays Salome as a femme fatale and after being inspired by Wilde and his representation of such a powerful biblical icon, I decided to depict her as an image of uninhibited seductiveness. I should hope that such narratives still engage and exert an influence on the public in general. When people do not read, they miss out on a unique learning experience that no other type of writing can give and good works of literature such as

poems and novels can grant direct access to another person's mind - whether it be the mind of the author or of one of the imagined characters, in a way that few other works of art can.

**How does all link to your past studies in Communications and your current professional activities as Professional Officer and freelance journalist?**

What I do on a professional level is very different and it does not link to my flair for creative writing. Nevertheless, my past studies in Communications have helped me a lot in the organization of thoughts prior to writing anything of importance. Organized writing is clear, focused, sound and effective and when all parts of the novel or poem are in some sort of order, it is both easier for the writer to put the narrative together and for the reader to understand the foremost ideas being presented.

**Verse and its magical dimension. Your reactions?**

There is a kind of writing, wherein the poet quite loses sight of reality and entertains the reader's fancy with the characters and actions of individuals whose existence has been bestowed upon them by the poet himself. Such are fairies, witches, goddesses, sprites, dryads and so forth. This kind of writing is indeed more difficult than any other because the poet must rely solely on the works of his imagination. Besides this, he must be incredibly well-read and fond of legends and fables, romances and traditions of olden days and of present ones. The poet must also be able to contrive out of his own invention a timeless sphere for his characters to dwell in, the quest for timelessness in poetry grows out of a desire to somehow defy death; it is a quest for immortality. That is the magic of verse to me: to forge new truths and timeless realities with the creative power of the imagination. As Keats once said: "What the Imagination seizes as Beauty must be Truth." and it is almost impossible for a poet to succeed if his imagination is not fruitful and irrational. Such descriptions of beauty raise an endearing kind of fantasy in the mind of the reader and amuse the reader's imagination with the strangeness and the novelty of the characters' idiosyncrasies which are being represented in them. Now against this drab background of dreary modern materialism, my poetry may seem to have no




specific purpose and to lend no substance to the current daily struggles and strife as it talks of an imagined world and is somewhat estranged from the present reality. Yet, there is something so wild and so solemn in the speeches of imaginary beings that one cannot refrain from thinking them natural.

**Your poetry, the oneiric and what Andrew Sciberras calls "perpetual innocence" in his Intro to The Arrow and the Song. Your thoughts about all this?**

Oneiric imagery abounds in my poetry and it serves to distinguish the poetic world from the real one, as well as the ordinary from the transcendent. This fantastic quality also seeks to infuse the poems with an atmosphere of ethereal mystery and the sense of a dream world where all is imbued with the purity of innocence and unadulterated beauty. This pristine quality is superior to mundane reality and is also the very essence of Romanticism as it incorporates fairy-tale, whimsy, the exotic, the sacred and the supernatural in its sphere. In my opinion, when a poet makes use of the oneiric elements of art, he is setting himself apart from the rest of humanity. The




oneiric in poetry also celebrates the sanctity of Nature and treats it with special reverence. For instance, in his poem "To Nature" the Romantic poet Samuel Taylor Coleridge writes: "So will I build my altar in the fields, and the blue sky my fretted dome shall be, and the sweet fragrance that the wild flower yields shall be the incense I will yield to Thee, Thee only God! and thou shalt not despise, even me, the priest of this poor sacrifice." This kind of art is to me, a striving effort towards the Sublime.

**Do you believe in writing and reading poetry as relief, but also as an escape from today's urban chaos?**

Writing poetry is indeed a form of relief but not an escape from the haunting dreariness of life for if that were the case, I'd only feel happy whenever I wrote and be miserable the rest of the time. I think poetry is an escape from personality and an untiring source of pleasure. During the act of writing, the poet may develop a persona that is not his own and has this character present emotions designed to develop the mood and the theme of the poem. Thus, the poet relinquishes his own personality and uses the medium to separate himself from the creative process. The 19th Century American poet T. S. Eliot expresses this quite clearly and eloquently: "The more complete the artist, the more completely separate in him will be the man who suffers and the mind which creates." In this declaration, Eliot indicates that by 'personality' he means the narrow, selfish, private personal events and experiences which great poetry is supposed to renounce and transcend. Therefore, for a poet to escape his personality, he must express the ordinary in an extraordinary manner and to do this, he must turn his mind into a receptacle for as diverse a range of ideas, discourses, literary forms and concepts as possible. If patient enough, the poet may combine the mundane with the remarkable and the captivating and turn it into art.

**Who are the readers of your two poetry collections The Arrow and the Song and Bayadère? Is there a reading public for poetry today? How can this sector of readership be enhanced?**

Having no one who could read and understand your poetry is a way to lose the immortality that art can afford. Having said that, people will interpret your poetry in different ways, your poem can be a world in which your readers can go and live themselves and seek out things which resonate for them and with them but for others it could be complete and utter nonsense. You give your work over to your readers and it's for them to find in it the meaning they pursue. To answer your question, I would say that the readers of my poetry are those who have a profound liking for the quixotic and the enigmatic, the magical and the otherworldly. As for a reading public, I'm not too sure whether people find poetry so compelling as I do. After covering a poem some may not feel moved at all, on the contrary they may feel frustrated for not apprehending its essence and main ideas. Poetry that resonates universally is poetry of the best kind, it's what makes the classics, classics and it is indeed fortunate that we study it in schools. Perhaps readership can be enhanced through various social media and the creation of a blog where I can share the poetry I read and write.

**Any upcoming projects?**

My upcoming project is another poetry collection that talks of the mysteries of the metaphysical which is also an attempt at gothic writing. It is a concoction of stories relating to mythology, tales of departed spirits and ghosts as well as poems inspired by Charles Dickens, Alexandre Dumas, Shakespeare and Edgar Allan Poe. The book shall be entitled: "The Eternal World."

## BYRON

**(Poem for Lord George Gordon Byron, 1788-1824)**

O wonderous Lord,
lover, friend, wayfarer,
conjurer of Poetry,
Art's lore has sprung
from your flamboyant fluency.
To an empire you swore
to be eternally true
and Grecian climes illumed
your eyes of noblest blue
and bore the heaviness of your death,
when you fought and drew
your final breath.
And on the bosom of your opulence,
dwelt England's highest eloquence,
that stirred the souls of maids and gentry
and echoes still in bowers of Eternity.
And glory and vast imagination soars,
in your immortal works
and your philosophy.
To Don Juan you gave birth in lovely Italy,
as you longed for England's
greenest moors.
Amidst the deserts,
scribbled your persevering hand,
when you sailed the seas of a remote land
and Time and epochs cannot remove,
your limerick laden with reveries of love.
And rhyme and cadence
imbue with innocence,
the heart of me that speaks its reverence.
For you walked in beauty like the night,
you wore its majesty and its might
and the muses wept
when your form expired
in Greece, where Apollo
plucked his golden lyre.

**MELANIE CAMILLERI**
**(from Bayadère, 2019)**




## INTERVISTA MA' JOANNE MICALLEF, FUNDATRIĊI TAD-DAR TAL-PUBBLIKAZZJONI FARAXA

**X'inhi l-pożizzjoni tiegħek fi ħdan id-Dar tal-Pubblikazzjoni Faraxa?**

Jiena l-fundatriċi ta' din id-dar tal-Pubblikazzjoni Faraxa.

**Minn fejn u meta twieled dan l-interess tiegħek fil-ktieb?**

Jien min dejjem kont inħobb il-qari, imma dejjem kont inħares lejn karriera fix-xjenza. Bħalma jiġri dejjem, l-avvenimenti fil-ħajja jeħduk f'toroq oħra. Jien fl-2004 tlift persuna għażiża għalija. F'dawk il-mumenti li kont mitlufa avviċinatni persuna u introduċietli l-ktieb *Many Lives, Many Masters*, ta' Dr. Brian Weiss. Dan tant laqatni li nibtet ix-xewqa li nittraduċih. Kont dħalt ukoll għall-Master's fit-Traduzzjoni fl-Università ta' Malta biex inkun nista' nagħmel dan. Hawnkekk iltaqjt mal-Prof. Toni Aquilina, li kien wieħed mil-letturi u dejjem tani l-




appoġġ tiegħu u bis-saħħa tiegħu t-traduzzjoni *Ħafna Ħajjiet, Ħafna Mgħallmin* saret realtà. Kienet biċċa xogħol iebsa peress li l-ktieb kien fih ħafna termini psikjatriċi, paranormali, psikoloġiċi li ma kienx hawn ekwivalenzi bil-Malti għalihom. Dan kien il-ktieb li fetaħ d-dar tal-Pubblikazzjoni Faraxa, u s-sensiela Traduzzjoniet Faraxa.

**Kemm ilha mwaqqfa Faraxa u x'inhuma l-għanijiet ewlenin tagħha?**

Faraxa twaqqfet fl-2011 bit-tnedija tal-ktieb *Ħafna Ħajjiet, Ħafna Mgħallmin*.

L-għanijiet huma bosta. Fosthom:

Nipproduċu pubblikazzjonijiet ta' kwalità għall-kbar u kif ukoll għaż-żgħir.
Inqassmu fis-suq globali xogħlijiet letterarji u mhumiex, li jinkludu riċerka akkademika dwar u minn awturi Maltin, mingħajr ma neskludu ġeneri oħra u awturi oħrajn.
Nibqgħu ngħożżu u nsaħħu l-lingwa Maltija permezz ta' traduzzjonijiet ta' awturi magħrufin barranin.
Nittrasmettu xogħlijiet oriġinali tajbin sabiex awturi Maltin u mhumiex isibu dar tal-pubblikazzjoni oħra lesta tinvesti fihom.

**Naf li matul dawn is-snin Faraxa ppubblikat numru mdaqqas ta' kotba regolarment f'rabta ma' suġġetti differenti. Liema huma s-suġġetti li jintrabtu magħhom dawn il-pubblikazzjonijiet?**

Faraxa bdiet bis-sensiela tat-traduzzjonijiet u kotba għat-tfal. Issa frixna għall-kotba akkademiċi, kotba fiction u non-fiction, u l-poeżija.

**Naf li Faraxa tispeċjalizza fil-qasam tat-traduzzjoni minn ilsna barranin għall-Malti. Xi tgħid dwar dan?**

Jien nara l-importanza li nimpurtaw xogħlijiet kbar permezz ta' traduzzjonijiet tajbin għall-Malti għax nemmen li mhux il-lingwa tagħna taħti li għad m'għandniex awturi ta' livell mondjali. Jekk Sqallija ġirien tagħna sewsew ipproduċiet għaxra ma tistenniex li tikka ta' gżira se jkollha bil-gzuz. Fl-assenza ta' dawn l-awturi l-kbar jiktbu b'ilsienna ejja ngawdu almenu l-aħjar xogħlijiet tal-barranin.

Għalhekk bdiet is-sensiela Traduzzjonijiet Faraxa, li diġà tinkludi 20 ktieb. Bħala awturi insibu lil Albert Camus, Oriana Fallaci, Eric-Emmanuel Schmitt, Tibor Sekejl, Franz Kafka, Annie Ernaux, Jean Anouilh, fost oħrajn.

**Naf ukoll li l-Prof. Anthony Aquilina jaħdem qrib ħafna u id f'id ma' Faraxa. X'inhu eżattament ir-rwol tiegħu?**

Il-Prof. Aquilina, li hu Professur tal-Istudji tat-Traduzzjoni fl-Università ta' Malta u li hu professjonali ħafna f'xogħlu, jidderieġi s-sensiela ta' Traduzzjonijiet Faraxa. Kemm-il darba wkoll navviċinah għal xi parir u naħdmu flimkien fuq proġetti varji.

**Liema huwa l-uġigħ ta' ras marbut ma' xogħol bħal dan?**

Meta ma jkollokx ħanut tiegħek tkun tiddependi ħafna mid-distributuri u din hi l-aktar sfida għalina f'dan il-qasam.

**X'soddisfazzjonijiet jagħtik xogħol bħal dan?**

Kull ktieb hu sodisfazzjon fih innifsu. Il-produzzjoni tal-ktieb tinvolvi ħafna xogħol u taqtigħ il-qalb xi kultant. Imma meta tara l-prodott finali u li dan hu legat għal dawk li se jiġu warajna jagħtik aktar enerġija biex tkompli għaddejja.




**Faraxa u l-pubblikazzjonijiet għat-tfal?**

Għandna nintroduċu l-kotba lit-tfal minn meta jitwieldu. Huma għandhom jitilgħu bl-esperjenza tal-ktieb u l-imħabba għall-qari. B'hekk inkunu qed ngħinuhom jiżviluppaw u jimxu fit-triq it-tajba. Infatti l-kotba tat-tfal introduċejnihom mill-bidu nett li Faraxa bdiet topera.  L-ewwel ktieb għat-tfal kien bil-Malti, *Tommy u s-Sabiħ tal-Qari u rakkonti oħra* għat-tfal ta' Patrick Sammut.

**X'inhi r-relazzjoni ta' Djar tal-Pubblikazzjoni żgħar bħal Faraxa u oħrajn u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb? Inizzjattivi li qed jaħdmu u oqsma li jistgħu jitjiebu f'dan ir-rigward?**

Id-Djar tal-Pubblikazzjonijiet żgħar jiffaċċjaw ħafna sfidi. Ħa nitkellem mil-lenti ta' Faraxa: hemm bżonn aktar strutturi sodi biex niġu megħjuna nkomplu bil-ħidma siewja li qed nagħmlu, kemm fil-qasam tal-pubblikazzjoni u kemm fid-distribuzzjoni. Wara kollox dan kollu wirt li qed inħallu lil ta' warajna. Jidhirli l-KNK qed jaħdem b'serjetà u għandu proġetti tajbin, bħal ngħidu aħna sabiex jiġu attirati aktar kittieba. Anki l-fieri, il-kbira ta' Novembru u ta' Marzu fil-Campus tal-Università jagħtu spinta qawwija. Jeħtieġ iżda xi ftit tal-fine-tuning. Ngħidu aħna li sservi ta' gallarija permanenti għad-djar kollha tal-pubblikazzjoni; attivitajiet organizzati mal-Kunsilli Lokali biex jittellgħu serati soċjo-kulturali, maratoni tal-qari, konkorsi bejn l-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex b'ħafna premjiet ta' kotba u laqgħat mal-kittieba, it-tip li naraw kull nhar ta' ħadd fuq it-televiżjoni Taljana, ngħidu aħna.

**DAK KIEN ŻMIEN!**
**(Ċajta serja)**

Kont żgħir ngħix fil-Medju Evu
żmien id-dlam u l-injoranza.
Dik l-użanza.
*Dies irae, dies illa*
Ikantaw il-qassisin
nofsom reqdin.
*De profundis clamavi ad te, Domine*:
Minn qiegħ qalbi, Mulej,
stqarrejtlek
li ħadd ma kien jifhem xej'.
Allelulja!

**KARMENU MALLIA**
***21.2.20.***
***(Il-Karnival)***



## GĦAJNEJN L-IMĦABBA

**Kitba ta' Vanessa Fenech**

Hekk kif ratu f'idejha ħasset qalbha tfur b'emozzjonijiet li qatt ma kienet esperjenzat qabel. Insiet it-tbatija li għaddiet minnha, l-uġigħ u l-għejja u ħaddnitu magħha. F'dak iċ-ċokon kienet intebħet bil-kobor t'Alla. Qisu pittura fuq xi tila! Kollox perfett sa l-anqas dettal. B'wiċċ il-ġmiel tiegħu, fattizzi mill-isbaħ, par idejn ċkejknin ma jafux x'se jaqbdu jagħmlu u par saqajn ma jiqfux jiċċaqalqu eżattament kif kienu jagħmlu ġo żaqqha.

Raqdu l-ewwel lejl flimkien u l-għada maż-żerniq instemgħet bikja ħelwa. Hekk kif fetħet għajnejha, par għajnejn koħol maħsulin bid-dmugħ qalulha li bil-ġuħ. Ma qalgħetx ħarsitha minn fuqu waqt li kien qiegħed jixrob bla nifs b'għajnejh iżebbġu lejha. Kienu jqattgħu ħafna ħin flimkien, u, oħroġ il-għaġeb, għalkemm kienu jikkomunikaw b'għajnejhom, dejjem fehmu lil xulxin.

L-ewwel jum li kellha tħallih warajha sabiex jimraħ fl-edukazzjoni ħasset għafsa ta' qalb. Kienet tkun minn tal-ewwel tistennieh wara l-bieb u, m'għandniex xi ngħidu, kif kien joħroġ l-ewwel daqqa t'għajn kienet tmur fuq għajnejh li kienu t-tieqa li minn ġo fiha kienet tilmaħ kif kien qatta' l-ġurnata. Matul dan il-vjaġġ daħket u bkiet miegħu. Għexu flimkien is-suċċessi u l-fallimenti. Dejjem id f'id tħares lejn għajnejh u tqawwilu qalbu.

Issa li jinsab fl-addoloxxenza tiegħu spiss tħares lejh u tilmaħ ġuvnott ta' prinċipju u mżewwaq b'valuri soda. Jiġuha mumenti ta' nostalġija meta tiftakar sew l-ewwel sinna li waqgħet jew dik li telgħet, l-ewwel qatgħa xagħar, l-ewwel darba li sejjħilha u l-ewwel kartolina f'Jum l-Omm. Dik id-daqsxejn ta' tarbija qiegħda tinbidel f'raġel iżda l-ħarsa f'għajnejn xulxin ma tinbidel qatt.

Dawk l-għajnejn koħol kienu jgħidu storja kull darba li kienet tintilef tħares lejhom – storja ta' mħabba.





## IŻ-ŻIEMEL LI TILEF IL-ĠOB!

**Kitba ta' Victor Vella**

Ħa ngħidlek, kieku nixtieq niktiblek imma qatt ma tgħallimt nikteb. Hekk biex ngħid xiħaġa fil-qosor... iva ninqala', għax it-trainer tiegħi kien iħobb jgħid, 'Arah... iħares lejk biss ikellmek'... specjalment jekk inkun bil-ġuħ. U ngħidlek waħda: kien iħallini bil-ġuħ għax kien iħobb iħallini bi stonku vojt qabel xi tellieqa kbira. Iva, inti lili ma tafnix imma meta kont ħafna iżgħar kont żiemel tat-tiġrija. U jien billi kont ġerrej tajjeb għamilt żmien kont se ngħid ir-re tat-tlielaq u darba kienu se jinkurunawni r-re tal-Marsa daqskemm kont irbaħt tazzi u medalji u kuruni u żigarelli. U bejnietna... kollox bid-dritt u bis-sewwa... biex... jiġifieri ma taħsibx... Iva, kienet sena tajba u jien kont fl-aqwa tiegħi u x'ħin kont niġi għall-aħħar biċċa wita kont nixxarrab bil-għaraq u lanqas il-ġoki ma kont inħoss fuq dahri u nħares biss lejn l-aħħar linja u l-bnadar tat-tmiem.

Iva, kont ħafif u ntir, speċjalment x'ħin tkun fil-linja tal-tluq ma' xi żiemel xiħ li kemm kemm jiflaħ jiċċaqlaq. Insomma għamilt karriera u għandi l-istalla mimlija xkafef bit-tazzi u trophies u x'naf jien. Iva, bdew juru ż-żmien ukoll għax ħafna minnhom ma għadhomx ileqqu u, bejnietna, bdew isaddu. Imma, insomma, qegħdin hemm u x'ħin inħares lejhom ikolli ngħid u nizgħer, 'Dak kien żmien!'

Jgħidu li ħriġt bħal missieri. Lil missieri kienu ġabuh minn Tunez ma' ħafna ħmir. Dawn ma nafx x'sar minnhom: m'għadekx tara minnhom. Kemm ilu li l-università saret b'xejn naħseb li... iva, u libsu l-ġild tal-ljun. Jien minn ċkuniti kont inħobb niġġerra. Niftakar dak iż-żmien konna noqogħdu fil-kampanja: sidi kellu razzett u jien kelli stalla għalija u kellna ħaxix aħdar kemm trid għax kellu naqra saqwi u allura kien jagħlifni tajjeb. Meta mbaghad tfarfart ftit sidi beda jara li qiegħed nikber ġmieli u saqajja bdew jitwalu u meta kont niġri u naqbeż kelli ċertu mod u stil li mbagħad qabbad trainer biex jieħu ħsiebi u jsaħħah dak li kelli. Kien jiġi filgħodu kmieni bil-mustaċċi twal u mibrumin bil-ponta u fuq għajnejh kellu iżjed suf minn fuq rasu. Naħseb kien jomxothom ukoll. Kien jigi filgħodu xemx u xita liebes beritta ħoxna kollha kaxxi żgħar u tonda qisha koppla żgħira, b'buttuna kbira flok il-lanterna. Kellha pizz kbir quddiem u wara wkoll għax kien jibża' mix-xemx billi kellu ġilda fina u mimlija nemex. Kien ikellimni bl-Ingliż u tgħallimt xi erba' kelmiet minn tiegħu bħal 'good day' jew 'jump' u 'easy now'. U bil-mutetti li kien jagħmilli bdejt nifhem x'ikun irid jgħid. Insomma konna niftehmu.

Konna noħorgu wkoll. Għax dan Gilbert kien jemmen li l-baħar Mediterran fih ħafna melħ li hu tajjeb għall-muskoli tagħna taż-żwiemel, intix tifhem, u konna immorru jew l-Imsida jew Għajn Tuffieħa u nagħmlu siegħa jew tnejn skont it-temp, nimxi u nittrottja fil-baħar. U saqajja bdew jissodaw... tant li jien dik il-ħabta kont l-iżgħar felu fit-tiġrijiet. Imbagħad, darba minnhom, wara li tlift tiġrija ġabu l-vet u naħseb li qallhom li hekk u hekk ma hu… li billi kont intellaq u nigri u nirbaħ donni bħal fatta li kont kbirt xi naqra u daħlu ħafna flieles f'moħħi u bdejt inħoss kif qalu u ħasbu huma li



għandi bħal naqra ta' depression, għax illum sirna għandna min-nies.

Imma ma domtx ma ħrigtx minnha minhabba l-ħafur u l-gidra li kont niekol u t-tingis li kienu jagħtuni. U erġajt għalli kont. Imbagħad wara karriera ta' ftit snin ma kienx għadni nirbaħ… insomma kont niġi t-tieni jew it-tielet, imma fit-tlielaq tal-ewwel jieħu t-tazzi. Allura sibt ruħi magħluq fl-istalla... noħroġ ftit għax-xemx jew għad-dell tal-ħarruba ta' ħdejn ir-razzett u ma domtx ma sibt ruħi taħt riedni oħra. Kien ġie wieħed bil-beritta bħal tat-trainer, u bil-barbetti maqtugħin dritti dritti li kienu jingħaqdu taħt geddumu. Niftakar kellu għajnejh suwed kbar u ghall-ewwel ħsibtu ġoki ieħor għax ma kienx fih wisq. Kellu mnieħru twil u par xufftejn puliti li meta ġie jara snieni kif inhuma kważi tani li nbusu. Insomma, biex naqta' fil-qasir, ma domtx ma sibt ruħi bejn żewg lasti marbut wara u quddiem, bil-blinkers fuq għajnejja u niġbed karrozzin tqil speċjalment meta kienu jirkbu xi tlieta jew erbgħa jekk mhux ukoll ħamsa jekk ikunu Maltin! U ħajti tbiddlet għalkollox. Mill-istalel u mill-ġiri tal-Marsa sibt ruħi mdawwar bin-nies u bil-karrozzi fil-Belt. Għall-ewwel, ħa ngħidlek, Alla ħares ma kinux il-blinkers... Iva, domt ma drajthom, imma meta tkun man-nies u mat-traffiku tridhom. Għax minn ġej minn hawn, l-oħra taqsamlek minn hemm, l-ieħor idoqq il-ħorn taħt widnejk u l-ieħor jagħmel storbju jgħajjat fuq il-Monti 'fightin pens u biros' … u sejrin. U kultant kien ikun hemm ukoll xi mota ta' xi tliet knejjes f'salt biex ikomplu jżidu l-istorbju. U jien jaħasra kont imdorri f'dak il-kwiet u l-beraħ tat-tfulija li kienu tant għal qalbi. Għax, ħa ngħidlek, bil-karrozzin, kollox sew tidrah u tidra t-toroq ukoll. Imma kemm iddum iddur mal-istess kantunieri, jew titla' l-istess telgħa jew tinżel mal-istess sqaq. Tant li wara ftit sidi kien jitlaq ir-riedni għax drajt fejn immur. Iva, kultant kont taparsi nitlef it-triq u mmur nesplora u ngħaddi qrib jew nispiċċa f'xi ġardin qalb il-ward u l-ħdura. Imma mbagħad malajr kien jiġi xi pulizija u jagħti ċitazzjoni lilu, għax naħseb kien ikun rieqed.

Mil-Belt kienu ħaduni l-Imdina; hemm kont għal qalbi għax toroq vojta bla karrozzi u x'ħin tittawwal ftit u forsi toħroġ mill-bieb il-kbir tara ftit ħdura u malajr jagħtik li tnaqqar xi ħaġa ħadra. Kont għamilt ħbieb ma' waħda Ingliża li kienet toqgħod l-Imdina u kienet tiġi kull nhar ta' Ġimgħa filgħodu b'naqra ta' basket bħal xkora żgħira mimija tfief, u xi werqa



ġidra u xi sfinnerija friska. U niftakar mat-tokk tal-ħdax kont naraha ġejja bil-basket u darba niftakar ġabitli kaboċċa sħiħa li ma tantx kont mort tajjeb fuqha. Konna niltaqgħu f'misraħ għad-dell għall-ħabta ta' nofsinnhar u sidi kien jintefa' fuq tarġa joħroġ mus fih daqs sikkina ta' Għawdex u jħanxar ġenba ta' ħobża u jagħmlilha ħofra fin-nofs jagħsar nofs tadama, jimliha biż-żejt iqaxxar basla żgħira u jgerrimha bis-sinna tad-deheb li kellu quddiem. Kultant kien jaqta' loqma u jagħtihieli... avolja kien ibeżżagħni ftit meta kont narah joqrob b'dak il-mus miftuħ.

Issa qatgħuli l-kantaliena. Issa l-gvern ħareġ il-liġi li aħna ż-żwiemel tal-karrozzini nistgħu naħdmu biss ġurnata iva u ġurnata le. Irrid nara kif nagħmel u nara kif se ngħaddiha l-ġurnata battala. Fl-istess ħin sewwa li tieħu break għax iż-żmien qiegħed hemm ukoll. Għax dak il-ġiri u t-training ta' meta tkun żgħir tibda tħossu. Jew tkun ilek tħossu imma fl-aħħar tibda tħossu doppju. L-agħar ħaġa, li tibda tħossha wkoll, li sidi issa daħħal ieħor, iktar żagħżugħ u lili beda jagħtini l-ġenb. Għax tgħid… nimmissjaha dik l-Ingliża li kienet iġġibli dak it-tfief kull nhar ta' Ġimgħa filgħodu... hekk għall-ħabta tal-ħdax!



## IL-LINGWA MALTIJA HIJA PROPRJETÀ ASSOLUTA TAL-POPLU MALTI BISS

**Kitba ta' Rodrigu Bovingdon**

Idejja tirtogħod, qalbi tħabbat sitta sitta, moħħi jitkexkex bħal fl-għanja ta' John Donne – *Batter my heart*, f'bikja kiebja ta' rispett mill-aktar għammieq, lejn il-wirt uniku li jiena, bin Ingliż u m'nn omm Maltija, ardajt il-benna tiegħek "Ja kelma l-aktar għażiża, għaxqet ħajti", meta naqra d-dawgħa proposta minn min, bħall-qattiela ta' Ġesù, baqgħu m'għarfux x'kienu qegħdin jagħmlu.

Għalhekk, bid-dehwa ta' kelmet l-Ingliż, jiena Malti, nirhex u nwissi (J'accuse!), f'tislima profonda lejn kelmet ommi:

Onely thou art above, and when towards thee
By thy leave I can looke, I rise againe;
But our old subtle foe so tempteth me,
That not one houre my selfe I can sustaine;...
John Donne

U mil-lingwa kuġina tagħna, nislet mill-għerf tal-eroj li ssallab għal fehmtu:

Oh sant'asinità, sant'ignoranza,
santa stoltizia e pia divozione,
qual solo puoi far l'anime si buone,
ch'uman ingegno e studio non l'avanza.
Giordano Bruno

Kelma minn fommi, kiebja fil-qalb, iżda qawwija fil-fehem:

Ħabar il-għafja, jista' jkun qed nisma'?
Kifes ix-xefaq f'kobortkom, j'għorrief?
Telgħet xi darba x-xemx mingħajr merżuqkom?
Jew għomja konna lkoll, nistennew lilkom?
Rodrigu Bovingdon

Mietu, indifnu u Alla m'għamilhom, il-ġawhar li wittewlna t-triq imħattba: Saydon, Aquilina, Ġananton Vassallo, Cremona, Vassalli, De Soldanis, Dun Karm, Cuschieri, Karmenu tas-Siġġiewi, Buttigieg, Briffa u l-ġgajta kollha... Għosfru u qishom qatt ma kienu. Tgħassida waħda llum... u jiena nibqa' sieket?

Id-dnub li qed jinħema, fil-kurituri għomja ta' mħuħ imkabbra fix-xejn tagħhom, irid jitranġa. Jew jiena, Rigu Bovingdon, niddikjara pubblikament, quddiem in-nazzjon Malti, quddiem kulmin jixhed li demmu Malti, li nqiegħed rasi taħt mannara, qabel iħassru l-identità unika u waħdiena li lili tagħrafni b'Malti – dan l-ilsien sabiħ, għani, ħelu u antik li bih hawnhekk iddikjarajt fehmti.






## IL-PONT ISELLEM LIL PAWLU MIZZI PERMEZZ TA' KUMMENTI U TIFKIRIET TA' KITTIEBA LI KIENU JAFUH MILL-QRIB

**IL-MALTI LI MA BEŻAX JISSOGRA**
**Jikteb Oliver Friggieri**

Bit-tluq ta' ħabib kbir u intimu bħal Pawlu, ħabib sa mill-1971, titgħallem li l-profonditajiet tal-eżistenza, fl-aħħar mill-aħħar ma jitfissru b'ebda lingwa. Jitfissru kemm kemm bil-lingwa tas-silenzju. Fis-snin sittin-sebgħin tas-seklu l-ieħor donnu nkiser fl-inħawi tat-Teatru Rjal, qrib il-Wembly, qalli li kien iddeċieda li jwaqqaf il-Klabb Kotba Maltin.

Kienet proposta kuraġġuża, u aktar minn hekk, riskjuża. Wara li wrejtu l-istagħġib tiegħi, għal dan il-pass ta' sogru, żied jgħidli li kien fi ħsiebu jippubblika ktieb fix-xahar.

Ktieb fix-xahar?

Minn dak inhar Pawlu Mizzi ma ħares qatt lura, u ma qatax qalbu, anki jekk kien jaf aktar minn kulħadd li x-xiri ta' ktieb bil-Malti, minbarra ktieb devozzjnali, kien ħaġa rari. Sogru, sogru, sogru... hekk bqajt intennilu, għalxejn.

Hemm intbaħt li quddiemi kelli pijunier. Minħabba li ried jibda, u jibda bil-kbir, qalli li xtaqni nsiblu t-testi ġodda, mhux-ippubblikati. Issuġġerejtlu li jibda b'*Il-Miklem Malti*. Mort ftit jiem wara għand Erin f'Bormla. Għedtu li Pawlu Mizzi waqqaf dar tal-publikazzjoni, u kollox...

Erin, madankollu, qalli li kien għadu jrid jirrevedih, anzi ried itemmu, u dan kien jitob li ma jgħaġġilx. Imma ma ridnix immur lura għand Pawlu Mizzi b'idi f'idi. Qam bilwieqfa u jien għentu jġorr lura f'posthom iż-żewġ jew tliet volumi kbar tal-manuskritti ta' *Il-Miklem*, u tani kopja tat-test oiġinali tad-dramm klassiku *Ir-Raħeb*.

L-istorja tal-Klabb Kotba Maltiin għad trid tinkiteb. Kull ktieb għandu storja, u hi storja politika, reliġjuża, letterarja. Klabb Kotba Maltin ma damx ma sar arloġġ li kellu jqajjem il-kuxjenza ta' nazzjon. Kif beda juri Pawlu bit-tip ta' kotba ġodda li ried jippreżenta lill-poplu Malti, l-Istorja kellha tkun l-uniku mezz biex ir-ruħ Maltija tqum. Ninsabu fil-bidu tas-snin sebgħin. Ġorġ Borg Olivier u Dom Mintoff kienu qegħdin jokkupaw l-ispazj tal-palk Malti kollu. L-għodda tal-politiċi huma l-kostituzzjonijiet. U kull kostituzzjoni hi ktieb. Borg Olivier ta' Malta-Indipendenti (1964) u Mintoff ta' Malta Repubblika (1974) kien għad jonqoshom l-għarfien, il-kuxjenza mdawla li l-kotba Maltin biss setgħu jipprovdu. Issa l-Klabb Kotba Maltin, bl-ufficċju tiegħu fil-Belt Kapitali stess, kien daħal ukoll f'din it-'taqbiida tal-imħuħ'. Il-kotba tal-Klabb kellhom messaġġ nazzjonali. Minnu ħarġu l-figuri ta' Manwel Dimech u Vassalli, u l-memorji storiċi l-oħrajn li Malta tradizzjonali kelllha bżonn biex tikseb il-fiduċja fiha nnifisha. Il-lista twila ta' kotba maħruġin dik il-ħabta, - għeluq is-snin sittin u l-bidu tas-snin sebgħin - hi dokument tal-bżonn li d-dinja tal-kultura tieħu sehem hi wkoll fil-mixja lejn il-maturità meħtieġa biex Malta wkoll tikseb il-promozzjonijiet kostituzzjonali li kisbu l-ex-kolonji l-oħra.

F'dn id-dawl, b'ħarsa mill-qrib lejn 'il-kotba tal-Klabb' skont is-suġġett u s-sena tal-pubblikazzjoni, Pawlu Mizzi jidher bħala pubblikatur li l-kontribut tiegħu huwa wisq usa' mill-qasam tal-kotba. Kotba ta' natura storika partikolari, maħruġin puntwalment f'kuntest storiku deċiżiv, huma aktar minn kotba. U għalhekk il-pubblikatur huwa wisq aktar minn pubblikatur. Wisq aktar mill-persunaġġ kuraġġuż imsemmi fil-bidu.

Dawn il-ftit konklużjonijiet huma biżżejjed biex jagħtu lil Pawlu Mizzi dimensjoni nazzjonali. Il-

politiċi tal-epoka (Borg Olivier, Mintoff) ħadmu biex kisbu d-drittijiet kostituzzjonali tal-pajjiż, waqt li Pawlu Mizzi ħadem biex dawk id-drittijiet jinkisbu bħala frott matur ta' mħuħ imdawlin, jiġifieri mħuħ maturi. Kotba bil-Malti u b'suġġetti li jibnu l-fiduċja ta' poplu fih innifsu: bniedem bħal dan huwa figura nazzjonali.

**L-GĦAWDXI LI REBAĦ L-INSULARITÀ: PAWLU MIZZI (1929-2019)**
**Jikteb Sergio Grech**

It-Tnejn 5 ta' Awwissu 2019 filgħodu kelli nintervista lil Joseph Mizzi iben Pawlu Mizzi, fuq l-istazzjon Campus FM. Messaġġ kmieni mingħand Joe, kwarta qabel saru s-sebgħa ta' filgħodu, għarrafni li mhux se jattendi għall-intervista li konna ppjanajna.

Fil-jiem ta' qabel, tista' tgħid li Joseph kien qed jaġġornani kuljum u spiss ħafna dwar saħħet missieru li bil-mod il-mod kienet qed tnin u sejra lura bħall-granċ. Joseph kien qalbu maqtugħa li missieru did-darba kien se jeħlisha għalkemm niftakru jirrimarka li minkejja d-dgħjufija tal-ġisem fuq l-għatba tat-territorju tal-mewt, missieru kien "fighter."

Bla ma ridt, staqsejtu kif inhu u Joe weġibni xott xott, "Ħażin." Sakemm wasalt ir-radju, Pawlu Mizzi laħaq miet.

Joseph ħabbar mewt missieru b'mod mill-iżjed kommoventi. Bla ma jaf forsi kien qed iħaddem l-intensità tal-poeżija. Ritratt ta' idu tagħfas id missieru. L-aħħar għafsa bejn il-missier u l-iben u żied il-kliem – "L-aħħar għafsa. Issa baqa' biss l-għafsa ta' qalb."

Ma' dak il-post fuq Facebook, segwiet xita ta' kondoljanzi għall-bniedem ta' importanza nazzjonali. Pawlu Mizzi l-ewwel nett telaq minn żvantaġġ. Kien Għawdxi u bħala bin Għawdex kellu jbati u jsofri mill-iżolament ta' gżira li għal snin twal kienet meqjusa bħala gżira tat-tieni klassi.

Imwieled fil-belt ewlenija ta' Għawdex, b'familtu u razztu taħt il-ħarsien tal-bażilika ta' San Ġorġ, kellu jimxi lejn Malta mingħajr qatt ma ċaħad l-identità Għawdxija.

Il-kapolavur ta' Pawlu jibqa' l-Klabb Kotba Maltin. Il-klabb telaq bi premessa importanti: li jipprovdi dak li fis-suq ma kienx komuni. Il-ktieb. Mizzi sakemm jasal hawn ried jitla' diversi telgħat u skaluni. Qabel imma ssaħħaħ billi għal xi żmien kien ħadem ta' għalliem, librar kif ukoll fil-ġurnaliżmu u l-istampar. Kien għamel xi żmien imexxi l-istamperija *Il-Ħajja* wara Dun Saverin Bianco.

Pawlu Mizzi skopra awturi ġodda u ħass il-polz ibaqbaq tal-letteratura l-ġdida u l-opportunitajiet ħatafhom. Ma beżax jieħu r-riskju b'awturi żgħażagħ u ġodda li kienu qed jippreżentaw kitba għalkollox differenti minn dawk ta' Chetcuti, Aquilina, Galea u l-bella kumpanija.

Il-KKM jibda bir-rumanz *Il-Gaġġa* ta' Frans Sammut u jkompli b'ġabra ta' poeżija moderna li għaliha l-appell għall-bejgħ kien ristrett. Pawlu Mizzi fehem minn kmieni li jista' jkollu suċċess biss jekk jiddiversifika l-prodott anki jekk kien jaf li ċerti ġeneri kienu se jimxu iktar minn oħrajn. Kien jaf ukoll li kien se jkollu jagħmel xi sagrifiċċji għax xi kotba kienu se jzappu u ma jiġborhomx.

Mal-istorja kreattiva inkluda wkoll ir-riċerka storika. Minn tal-ewwel fil-qasam, il-ktieb ta' Henry Frendo dwar Manwel Dimech – figura li ma kinitx tinżel għasel ma' kulħadd inkluż, ngħidu aħna, mal-Arċisqof Gonzi. Imma Pawlu daħal għalih u ħareġ *Lejn Tnissil ta' Nazzjon*. Kienet il-fażi meta bdew jidhru l-kopertini ta' Mario Azzopardi li bi vrusu kien qed jisfida l-istatus quo u kellu allerġija għall-kitba romantika.

Mizzi inkluda wkoll fost l-ewwel kotba traduzzjoni għall-Malti ta' Ġużè Aquilina tar-rumanz *Le Chant de la Noria* li nkiteb minn Laurent Ropa. Trevor Zahra beda mal-Klabb ta' Mizzi bir-rumanz *Is-Surmast*. U hekk beda l-ktieb tax-xahar.

Maż-żmien Pawlu Mizzi fehem li ma setax jinjora r-riċerka dwar Malta bl-Ingliż sakemm waqqaf il-Midsea Books.

Fost il-kisbiet il-kbar ta' Pawlu ta' min isemmi *Il-Miklem Malti* ta' Erin Serracino Inglott u l-*Maltese-English Dictionry* ta' Ġużè Aquilina u l-enċiklopedija *Heritage*. Mizzi kien ipperswada wkoll lill-Ministru Philip Muscat biex Malta jkollha l-Fiera tal-Ktieb bħal pajjiżi oħra u fl-aqwa tagħha l-Fiera kien ikollha wkoll esibituri barranin. Fil-lista ta' min iżid il-

memorji ta' Anton Buttigieg u dawk ta' Monsinjur Charles G. Vella. Il-ktieb kien ġie mniedi l-Phoenicia Hotel. Ma' Marisa Attard kien ħareġ *Vokabularju għat-Tfal bl-Istampi* biex sa minn età żgħira t-tfal jsibu ħabib. Kien hemm ukoll is-sensiela ta' kotba ewlenin facsimile fosthom il-*Malta Antica Illustrata* u diversi oħrajn.

Fl-aħħar żminijiet ta' ħajtu qabel marad, Pawlu Mizzi beda jikteb fir-rivista tad-djoċesi Għawdxija *Il-Ħajja f'Għawdex* fejn kiteb sensiela interessanti dwar karattri Għawdxin li baqgħu friski fil-memorja tiegħu li kienu ħaqqhom tal-anqas profil biex ma jintesewx. Kburi ngħid li lil Pawlu Mizzi ilni snin twal insegwih. Biss biss niftakru ta' tifel inżur il-Fiera tan-Naxxar u kont narah ma' martu u probabbli ma' wliedu Joseph u Anna jbigħu l-kotba fuq l-istand.

Maż-żmien Pawlu serva wkoll fil-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb li tiegħu jien kont l-ewwel Direttur Eżekuttiv. Niftakar li l-ewwel laqgħa bdiet bi trikki trakki bejni u bejnu imma ħadd minna qatt ma żamm għal xulxin. Kienu bdil ta' ideat. Dakinhar lil Pawlu niftakru jirribattini u jgħidli li ktieb mingħajr pubblikatur ma jiswiex karlin!

Illum ibnu Joe onorani billi qed neditja proġett li beda missieru: Il-memorji tiegħu. Qed neditjahom b'ħafna mħabba u rispett u nittama li fi żmien ftit xhur ikollna l-ewwel tappa minn dan il-proġett.

Kif sostna Monsinjur Ġużeppi Farrugia fil-funeral ta' Pawlu Mizzi, li sar fit-8 ta' Awwissu 2019, "Mizzi rnexxielu jneħħi l-blatiet tal-injoranza kulturali li kienu qed jimbarraw lill-poplu tagħna."

Pawlu Mizzi jibqa' għal dejjem. In-nazzjon midjun mal-Għawdxi li sfida ċ-ċokon u l-insularità.

**PAWLU MIZZI**
**Tikteb Lina Brockdorff**

Kien f'nofs il-Ħamsinijiet meta ltqajt l-ewwel darba mas-Sur Pawlu Mizzi f'dak il-ħanut żgħir ta' Triq id-Dejqa meta aħna l-imseħbin tal-Għaqda Letterarja Maltija konna fl-aqwa tagħna. Kont immur neħodlu rasu biex kull ħarġa jagħtina xi riklam għal fuq il-magażin FORUM li domna noħorġu għal bosta snin.

Fl-2008 sirt nafu aktar mill-qrib għax kien hu li ħajjarni u ppubblikali l-ktieb *Sireni u Serenati*, rakkonti ta' tfuliti tul il-gwerra. Wara dak, bl-għajnuna tiegħu kien hemm tmien rumanzi li ppubblikajt mal-Klabb Kotba Maltin.

Is-Sur Pawl (kif bqajt dejjem insejjaħlu għalkemm ma kinitx tinżillu wisq) kien raġel fuq l-irġiel. Qatt ma nafu li jaqtagħlek qalbek għal ebda proġett li toħlom bih imma b'dik il-ġentilezza ta' leħnu jipprova jipperswadik. Kellu don ieħor kbir u dan kien li kellu sabar li jibqa' hemm jisimgħek tgħidlu jew tirrakkuntalu kull ma xtaqt, meta Alla biss jaf kemm kien ikollu xogħol jistennieh. Kieku qatt b'xi mod urieni li kien mgħaġġel biex itemm il-laqgħat li spiss kien ikolli miegħu. Preċiż fix-xogħol tiegħu, bla ebda kompromessi.

Moħħu kien enċiklopedija sħiħa dwar l-istorja u l-kultura ta' Malta u Għawdex kif jixhdu l-bosta pubblikazzjonijiet li ħareġ. Fuq kollox, ta' negozjant għaqli li kien, dejjem isib mezz kif jasal fi ftehim mal-awtur. Dik it-tbissima fuq wiċċu kienet imprezzabbli.




**Pawlu Mizzi (ir-raba' mil-lemin) u Lina Brockdorff (ir-raba' mix-xellug) waqt it-tnedija ta' *Sireni u Serenati***

**PAWLU MIZZI: KIF NIFTAKRU**
**Jikteb Alfred Massa**

Lil Pawlu Mizzi l-ewwel darba li kellimtu kien waqt laqgħa organizzata mill-Moviment Qawmien Letterarju fil-Belt Valletta (migħalija fis-sala ta' St. Albert The Great). Aktar tard, wara li fl-1970 waqqaf il-Klabb Kotba Maltin, kulmeta kont nidħol il-Belt spiss kont immur inżur il-ħanut tiegħu fi Triq id-Dejqa biex nixtri xi ktieb u meta kont ninzertah hemm konna dejjem ngħidu kelma flimkien.

Dak iż-żmien kont editur letterarju tal-ġurnal *Il-Ħajja*. Kumment li darba qalli dwar il-Paqna tiegħi għadu stampat f'moħħi sallum: "Inti għandek paġna

tajba ħafna. Jien insegwiha regolarment għax tidher li hi frott ta' xogħol serju tassew. Alfred, ibża' għaliha!" Tant kemm kien sinċier fi kliemu li sikwit kien jgħaddili kotba li jkun ippubblika biex nagħmel reċensjoni tagħhom.

Fl-1974 Pawlu nieda Konkors Rumanz Malti. Kien rebħu Trevor Żahra bir-rumanz *Taħt il-Weraq tal-Palm*. Jien kont ħadt sehem bir-rumanz *L-Istar tal-Imgħoddi.* Nistqarr li kont ħriġt diżappuntat bir-riżultat għax kelli konferma mill-Prof. Ġużè Galea li kelli xogħol tajjeb ħafna. Kien jittratta l-Invażjoni Sovjetika fiċ-Ċekoslovakkja (1968). Kien rumanz Storiku.

Sirt naf minn Pawlu li l-Ġurija ma ridetx terfa' r-responsabbiltà tan-numru ta' dettalji li kien fih. Għax kont inkludejt dati u ħinijiet ta' dak kollu li seħħ bi preċiżjoni kbira. Meta lil Pawlu wrejtu l-kritika li għamilli l-Prof. Ġ. Galea, isem awtorevoli fejn jidħol ir-Rumanz Stortiku Malti, assigurani li r-rumanz kien ser jippubblikah. Hekk għamel fl-1977 u tant intlaqa' tajjeb kemm mill-kritiċi kif ukoll mill-qarrejja li f'qasir żmien spiċċa out of print.

Fl-2008 Pawlu Mizzi permezz tal-KKM ippubblikali r-rumanz *L-Erba' Aħwa*. Spiss kien jistaqsini kellix xi rumanz għall-pubblikazzjoni, imma għal raġuni personali kont fittixt pubblikaturi oħra. B'danakollu, ir-relazzjoni ta' bejnietna baqgħet tajba. Illum nifhem il-ġid kbir li wettaq Pawlu Mizzi b'riżq il-Ktieb Malti. Ta' dan inħossni rikonixxenti ħafna lejh.

**DEJN GĦAŻIŻ**
**Jikteb Trevor Żahra**

Lil Pawlu Mizzi għall-ewwel kont nafu biss minn fuq it-televiżjoni, meta kien jippreżenta programm dwar Għawdex. Kont nieħu gost insegwih, għax kont nammira l-preparazzjoni metikoluża tiegħu u l-ħila li kellu jikkomunika bl-akbar faċilità u ċarezza. Ma niftakarx meta kienet l-ewwel darba li ltqajt miegħu personalment, imma x'aktarx kien waqt xi laqgħa, meta fl-1970-71 kien waqqaf il-Klabb Kotba Maltin. F'dak l-istess żmien kienet bdiet toħroġ ir-rivista *Sagħtar*, u mit-tieni ħarġa lil hemm bdew jidhru fiha l-istejjer tiegħi *Il-Praspar ta' Kunċett u Marinton*, li kont ktibthom snin qabel, u li fl-1966 kienu dehru fuq it-televiżjoni bi tpinġijiet tal-artist Joseph Mallia (tad-*Denfil*). Meta dawn l-istejjer dehru kollha fis-*Sagħtar*, Pawlu kien avviċinani u offrieli li jippubblikali dawn l-istejjer f'żewġ kotba ċkejknin. Tgħidx kemm kont fraħt, għax dawn l-istejjer kienu fost l-ewwel esperjenzi tiegħi fil-kitba u qatt ma kont nobsor li għad jinġabru fi ktieb. Kont mort għandu Raħal Ġdid u niftakar lit-tfal tiegħu (li kienu verament għadhom "tfal") jiġu jifirħu bija u jgħiduli kemm jogħġbuhom dawn l-istejjer. Niftakarni ngħidlu: "Imma issa, li t-tfal diġà qrawhom fis-*Sagħtar*, taħseb li jixtruhom bħala kotba?" Pawlu kien beda jitbissem u qalli: "U x'ma jixtruhomx! Issa tara!"

Minn hawn bdiet il-kollaborazzjoni tagħna u ħbiberija li baqgħet sħiħa u għażiża sal-aħħar. Minbarra dawn l-istejjer ta' *Kunċett u Marinton*, Pawlu ppubblikali wkoll l-ewwel tliet rumanzi tiegħi: *Is-Surmast*, *Taħt il-Weraq tal-Palm* (li bih kont irbaħt l-ewwel premju f'konkors li kien nieda l-Klabb Kotba Maltin stess), u *Ħdejn in-Nixxiegħa*. Niftakar żmien, fil-bidu tas-sebgħinijiet, meta kważi kull nhar ta' Sibt filgħodu kont nitla' l-Belt biex niltaqa' ma' Pawlu minħabba xi proġett li nkunu qed naħdmu fuqu.



Kont nammira l-ħeġġa tiegħu ... ħeġġa li tixbah lil dik ta' tifel ċkejken; iżda fl-istess waqt, qatt ma titbiegħed mir-realtà. Kien joħlom ħafna, imma kien jaf ukoll kif isarraf dan il-ħolm. Ta' min wieħed jiftakar, li dik il-ħabta bilkemm konna naf xi tfisser "Dar tal-Pubblikazzjoni", u x'inhu sewwa sew ir-rwol tal-pubbikatur. Ħafna kittieba mhux biss kien ikollhom jiffinanzjaw il-pubblikazzjonijiet tagħhom, imma kienu jridu jieħdu ħsieb ukoll ix-xogħol kollu tal-istampar, it-tifsila tal-ktieb, l-istampi jew ritratt li jista' jkun fih, il-qari tal-provi u t-tqassim fil-ħwienet. Meta Pawlu Mizzi waqqaf il-Klabb Kotba Maltin, beda jurina u jgħallimna, li l-pubblikatur jista' jieħu f'idejh dan kollu u jħalli lill-kittieb jiffoka fuq l-essenza ta' xogħlu: il-kitba.

Il-post ċkejken fi Triq id-Dejqa, kantuniera ma' triq in-Nofsinhar, dik il-ħabta kien donnu l-mekka tal-kittieba. Niftakarni niltaqa' hemmhekk ma' Oliver, ma' Francis Ebejer, Kilin, Mario Azzopardi ... u Pawlu kien isib ħin għal kulħadd u juri lil kulħadd l-istess ħeġġa u interess f'dak li jkun qed jagħmel magħhom.

Ħaġa oħra li kont tant nammira f'Pawlu hija l-ġentilezza tiegħu. Nafu dejjem jitkellem bil-ħlewwa u bil-kalma. Anki jekk ma jkunx qed jaqbel miegħek, ma niftakru qatt juża kliem goff jew barra minn postu. Kien jibqa' dejjem iffokat fuq il-proġett, dejjem bi tbissima fuq wiċċu u qatt ma jipprova jippatronizzak.

Rajtu bosta drabi ferħan se jtir meta jkun temm xi biċċa xogħol mill-aktar għal qalbu, imma naħseb li qatt ma rajtu kuntent daqs dakinhar li kien nieda l-ġabra sħiħa tal-poeżiji ta' Dun Karm. Kienet ilha s-snin tinħass il-ħtieġa li l-poeżiji tal-Poeta Nazzjonali tagħna jkunu miġbura fi ktieb wieħed u b'hekk ikunu aċċessibbli għal kulħadd. B'kollaborazzjoni ma' Karmen Mikallef Buħaġar, din il-ħolma saret realtà fl-1980. Niftakar lil Pawlu jurini l-ktieb, dakinhar tat-tnedija, u b'għajnejh jixegħlu, jgħidli: "Irnexxielna nagħmlu ktieb li jixraq lill-Poeta Nazzjonali ta' pajjiżna!"

Pawlu Mizzi ma kienx iħobb il-ktieb b'sens ta' patrijottiżmu agħma jew b'sentimentaliżmu skadut. Pawlu kien jaf ikun oġġettiv; jaf jagħżel bejn dak li jkun verament ta' valur u dak li jkun medjokri. Waqt li kien appassjonat f'dak kollu li jagħmel, kien iżomm saqajh mal-art u jibbilanċja l-passjoni bl-esiġenzi attwali. Pawlu Mizzi jibqa' jkollu post speċjali f'qalbi. Emmen fija aktar milli emmint jiena fija nnifsi. Inkoraġġieni fl-aktar mumenti meta kelli bżonn il-kuraġġ. Baqa' ġentili u twajjeb anki meta kien hemm punti li ma qbilniex dwarhom.

Ma' Pawlu Mizzi, il-ktieb Malti u l-awtur Malti għandu dejn għażiż li ma jista' jinfeda qatt.

**JIEN U PAWLU MIZZI**
**Jikteb Charles Casha**

Lil Pawlu Mizzi sirt nafu permezz tal-mara tiegħi Mary li kienet tgħallem miegħu fl-iskola primarja tal-Fgura fis-sittinijiet.

Aktar tard kont sirt naf li kien qiegħed jaħdem fuq ħolma li kellu – dik li jwaqqaf Klabb li jippubblika ktieb bil-Malti kull xahar. Għal ħafna din kienet ħolma li ma setgħetx isseħħ imma Pawlu kien bniedem determinat u kien jemmen b'saħħtu kollha f'dan il-proġett, li kif nafu lkoll, irnexxa fuq li rnexxa u tant u tant awturi gawdew minnu.



L-ewwel pubblikazzjoni tiegħi mal-KKM kienet il-ġabra ta' stejjer dwar Wiġi u Katrin, żewġ karattri anzjani, li jiena ħloqt fuq tnejn min-nies li ma kienu ħadd ħlief in-nanniet tal-mara tiegħi, Leli u Tereża, u li jien kont naf tajjeb. Il-ktieb semmejtu *Darbtejn Insiru Tfal*.

Niftakar darba filgħaxija dħalt il-Belt biex niltaqa' ma' xi ħbieb tiegħi, u kif kont għaddej minn ħdejn il-Wembley, narah qed idur il-kantuniera biex imur fl-uffiċċju li kellu fi Strada Stretta. Sejjaħli. Qabadni minn driegħi u qalli:
'Int meta se tagħtini xi ħaġa? Għandek xi stejjer jew xi rumanz?'
Għedtlu li kelli xi stejjer qosra u mill-ewwel weġibni.
'Ġibhom ħa narahom.'

Ħadthomlu u fl-1975 ħarġet l-ewwel edizzjoni tal-ktieb *Darbtejn Insiru Tfal*. Kien suċċess.

Wara tajtu r-rumanz *Kolin* u minn hemm bqajt naħdem mal-KKM b'għadd sabiħ ta' pubblikazzjonijiet għat-tfal, għall-addolexxenti u għall-kbar, inkluża l-awtobijografija tiegħi *Jien ukoll għandi storja xi ngħid*.

Meta Pawlu rtira, ibnu Joseph kompla jmexxi d-Dar tal-Pubblikazzjoni u meta kont immur sal-uffiċċju f'Santa Venera, u Pawlu kien ikun hemm qiegħed jaħdem fuq xi biċċa xogħol, kien isejjaħli u jżommni ħdejh b'xi diskorsata twila. Kien jieħu gost jitkellem dwar il-kotba, l-istorja ta' Malta u l-pubblikazzjonijiet tal-Klabb.

Meta l-KKM ippubblika l-ktieb tiegħi *Il-Prinċep u t-Trogloditi*, jien kont iddedikajtu lilu u kien ħa gost ħafna. Kif rah, kien ċempilli u rringrazzjani.

Mhux l-ewwel darba li meta kont inkun il-Belt, kont naqbeż qabża sal-ħanut fi Strada Stretta u noqgħod nitkellem xi ftit miegħu. Darba kien talabni biex niktiblu xi ħaġa għall-*Heritage* imma rrifjutajt għax ħassejt li ma kontx kompetenti biżżejjed biex nagħmel dan.

Meta dan l-aħħar kien rikoverat fl-Isptar San Viċenz, jiena u l-mara konna morna narawh. Għarafna. Ħa gost ħafna, aktar u aktar meta wrejtu kopja tar-raba' edizzjoni tal-ktieb *Darbtejn Insiru Tfal*. Mary qratlu xi storja minnu u kultant beda jitbissem u jħares lejja.
Wara mewtu Pawlu ħalla monument kbir. Żgur li numru kbir ta' awturi gawdew minn dak li wettaq Pawlu għax kieku l-kotba tagħhom forsi kienu jibqgħu karti fil-kexxun jew dokumenti fil-ħarddisks tal-kompjuters.

Tkun ħaġa sabiħa kieku aktar 'il quddiem titwaqqaf fondazzjoni PAWLU MIZZI biex tippromwovi l-ktieb Malti, li Pawlu kien tant iħobb u li għalih tant iddedika tant minn ħajtu. Dan ikun l-isbaħ monument.

**PAWLU MIZZI**
**Jikteb Victor Fenech**

L-ewwel darba li smajt b'Pawlu Mizzi kien kmieni fis-Sebgħinijiet waqt laqgħa tal-kumitat tal-Moviment Qawmien Letterarju. Matul il-laqgħa Oliver Friggieri għarrafna li aktarx daqt se jkollna pubblikatur professjonali fil-qasam tal-letteratura Maltija. Kienu ltaqgħu fuq stedina ta' Pawlu li kellmu dwar il-ħsieb li jibda klabb tal-qari Malti bi ktieb fix-xahar garantit fuq ħlas bil-quddiem għal sena.

Attentati prijuri f'din il-ħolma kienu s-sensiela Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien ta' Alfons Maria Galea (150 ħarġa fil-perjodu 1899-1915); dik tat-tabib Ġużè Bonnici li fl-aħħar snin ta' ħajtu (1938-1940) laħaq ħareġ tmien kotba ta' kalibru impressjonanti; u s-sensiela 'Qari għal Kulħadd' tal-Ġiżwiti b'ħames kotba (1962-69) li kienu jinkludu żewġ ġabriet ta' *Ħrejjef Missirijietna* ta' P. Manwel Magri.

Għalhekk ma setax jonqos li fil-Moviment tagħna dejjem ħlomna b'xi dar editriċi li tirnexxi fuq tul konsiderevoli minkejja s-suq riskjuż tal-ktieb Malti. U d-destin bagħtilna lil Pawlu Mizzi bil-ħolma tiegħu ta' ktieb ġdid kull xahar. Deher determinat għall-aħħar, u aħna tal-Moviment wegħdnieh kull għajnuna possibbli.

L-ewwel pubblikazzjoni bil-logo 'Klabb Kotba Maltin' kien ir-rumanz *Il-Gaġġa* ta' Frans Sammut, li kien suċċess immedjat, u warajh *Mas-Sejħa tat-Tnabar* (bi tliet ilħna ta'poeti ġodda), *L-Għanja tas-Sienja* (traduzzjoni tar-rumanz bil-Franċiż ta' Lauren Ropa), *Lejn Tnissil ta' Nazzjon* (it-teżi dwar Manwel Dimech minn Henry Frendo), *Ir-Raħeb* (dramm ta' Erin Serracino Inglott), *Kelma Waħda Biss* tal-folklorista magħruf Ġużè Cassar Pullicino, u *Għajn ix-Xemx* (traduzzjoni minn Oliver tar-rumanz *In the Eye of the Sun* ta' Francis Ebejer). Kien ċar minn din it-taħlita

ta' ġeneri li Pawlu Mizzi kien mhux biss lest li jlaqqa' ismijiet ġodda ma' dawk stabbiliti, imma wkoll li jinkludi kull ġeneru ta' kitba; hekk mill-ewwel wera d-determinazzjoni li jibni l-programm tiegħu fuq sisien sodi b'letteratura varjata.

Dak iż-żmien l-istampar kien għadu jsir fuq il-linos biċ-ċomb, bl-illustrazzjonijiet taż-żingu marbutin fuq l-injam. Pawlu kien jistampa l-Lux Press, għad li aktar tard mexa maż-żmien bis-sistema tal-offset li ħolqot stampaturi ġodda u ta' kalibru ogħla.

Element ieħor li, b'kumbinazzjoni, ħadem favur Pawlu kien li n-nanniet tiegħi mietu t-tnejn u l-post tal-Gvern li kienu jokkupaw fit-taraġ ta' fuq ta' Strada Stretta ġie vakanti. Staqsejtu kienx interessat fih imma deher qalbu maqtugħa. Offrejtlu li nkellem lil-Onor Anton Buttigieg, li qabel minnufih u bagħatni għand il-Ministru tal-Housing l-Onor. Patrick Holland. It-tnejn kont nafhom sew, u ġibnieha żewġ. Hekk Klabb Kotba Maltin kellu s-sede tiegħu fil-qalba tal-belt kapitali li għadu l-point of sale sal-lum, minkejja li l-uffiċċju amministrattiv jinsab f'Santa Venera.

Ġeneralment il-qoxra tal-kotba kienet tkun fdata lil Mario Azzopardi, li kien artist tajjeb daqs kemm kien poeta. Aktar tard Pawlu stedinni naqsam ix-xogħol ta' produzzjoni miegħu u jien tajt il-qofol tal-kopertini f'idejn Joe Mallia, artist ħabib u disinjatur prim.

L-ewwel ktieb fis-sensiela li ħdimtlu fuqu kien *Linji Ġodda* (1973) li, mibni fuq suġġeriment tiegħi, kien jikkonsisti f'għażla minn bord magħżul apposta biex idomm antoloġija ta' poeżiji mill-ilħna ġodda fi ħdan il-MQL. Ikolli nammetti li kien xogħol li kiddni, għax il-Professur Peter Serracino Inglott li kellu jikteb riflessjoniji kritika fuq kull waħda mill-mitt poeżija mhux dejjem laħħaqhomli għall-impaġnar flimkien mat-test relevanti. Immedjatament warajh ħadt ħsieb ta' *Il-Ġenna Mitlufa*, it-traduzzjoni minn F.X. Mangion tal-kapolavur ta' Milton. F'dawn iż-żewġ kotba kont fassalt qoxra speċjali b'ċeramika ta' Gabriel Caruana u inċiżjoni ta' Dorè rispettivament.

Sadattant kont ħajjart lil Pawlu jibda wkoll sezzjoni għat-tfal, b'logo ta' Trevor Zahra, u tani l-libertà li nagħżel it-testi. Bdejt b'*Kunċett u Marinton* ta' Trevor u *Stejjer għal Qabel Jidlam* ta' Oliver, imbagħad ftehmna li nħejji sensiela tiegħi dwar leġġendi Maltin u Għawdxin, b'Joe Mallia l-illustratur. Ħafna aktar wara Pawlu nnifsu ħa f'idejh din is-sensiela tant popolari mat-tfal.

Maż-żmien ħassejt li għandi nibda nikkonċentra fuq il-kitbiet tiegħi personali u tbegħidt mill-KKM. Imma bqajt inżomm kuntatt dwar dak kollu li seħħ wara, għax il-ħidma ta' Pawlu ma qatgħet qatt. Huwa daħal ukoll fil-qasam tal-Ingliż bil-logo Midsea Books Ltd., fejn beda bl-enċiklopedija *Heritage* f'faxxikli dwar il-kultura Maltija, u anki ssokta b'qasam ġdid ta' kotba dwar Studji Soċjali għall-kbar li beda b'*Ħal Millieri* ta' Anthony Luttrell.

Fl-istess żmien daħal għal xogħlijiet oħra maġġuri: *L-Istorja ta' Malta* (1974) tal-Professur Andrew Vella (għad li dan ma laħaqx għalaq it-tielet volum li mbagħad kellu jinkiteb mill-ġdid minn Henry Frendo) u *Il-Miklem Malti*, l-opus ta' Erin Serracino Inglott f'disa' volumi tul is-snin 1975-1989. U mhux wisq bogħod minn din l-attività kollha saflaħħar wasal ukoll biex joħroġ id-dizzjunarju tant mistenni tal-Professur Ġużè Aquilina (1999), f'sitt volumi ħoxnin, erbgħa Ingliż-Malti u tnejn Malti-Ingliż. Dawn kienu preludju għal għadd ġmielu ta' kotba akkademiċi u oħrajn fil-qasam hekk imsejjaħ 'coffee table books.' Ma kienet esklużа ebda kategorija; l-importanti li l-kitba tkun tajba u ta' interess ġenerali.

Ix-xogħol bla heda ta' Pawlu Mizzi llum qed jitkompla minn ibnu Joseph li b'dedikazzjoni kbira baqa' jimxi fuq il-linji li welled missieru. Sadanittant Joseph qed iħejji wkoll il-festschift tant mistenni dwar Pawlu Mizzi – missier eżemplari, ħalliem assidwu, u imprenditur kuraġġuż li tassew jistħoqqlu t-titlu ta' 'Id-Dekan tal-Ktieb Malti'.

**[Ħajr lil Lina Brockdorff, Charles Casha, Ġorġ Mallia u Trevor Żahra anki għar-ritratti li għoġobhom jgħaddu lill-Editur ta' IL-PONT]**

## IL-FESTI TA' ĦAL ĦARRUB

**Kitba ta' Carmen Refalo**

Fir-raħal ta' Ħal Ħarrub għandhom żewġ festi: dik prinċipali għal Sant'Anjeże f'nofs Jannar, u l-oħra sekondarja għal San Mattew lejn l-aħħar ta' Frar. U n-nies tar-raħal maqsumin, min ma' waħda u min mal-oħra. Jista' xi ħadd jobsor mod ieħor?

Mhux l-ewwel darba li l-festi ta' barra la għal waħda u lanqas għall-oħra ma saru, imma n-nies tar-raħal dejjem qablu li l-festi m'għandhomx jiċċaqalqu għas-sajf; 'Dawn kienu u jibqgħu festi tax-Xitwa. Jekk jinzerta bnazzi nieħdu pjaċir jekk le nieħdu paċenzja', dejjem hekk qalu u hekk baqgħu jagħmlu.

Ħal Ħarrub huwa raħal kwiet, anzi kwiet iżżejjed; bil-biċċa l-kbira tal-parruċċani jafu lil xulxin qishom familja waħda. Imma kif joqrob Jannar iġib bidla kbira miegħu. Ifhmuni, kollox jibqa' għaddej bħas-soltu imma jkun hemm bidla li tħossha u taraha. Għax fejn matul is-sena kulħadd isellem lil xulxin, kif jgħaddi l-Milied, dawk ta' Sant'Anjeże jinsew il-Paċi li l-Anġli mis-smewwiet ikunu għadhom kemm wasslulhom f'isem il-Mulej u jibdew ibaxxu rashom hekk kif jilmħu xi ħadd minn ta' San Mattew. Fl-istess ħin dawk ta' San Mattew jifhmuha din, għax hekk kif toqrob tagħhom, huma jagħmlu l-istess. Insomma dar-raħal magħqud qaqoċċa, fi żmien il-festi, iwaqqa' l-weraq xirfin ta' barra waqt li l-qalba tibqa' ħaġa waħda, imdawra sew bil-weraq torja.

Minn xhur qabel jibda jitlesta n-nar ġol-kmamar fl-għelieqi fejn id-delettanti jmorru bil-familja, kull nhar ta' Ħadd, iqattgħu ġurnata fl-arja friska, imdawrin bil-periklu tan-nar maħdum jew għadu qed jinħadem; lest biex jieħu minn ħin għall-ieħor. Imma l-għan tagħhom dejjem ikun li jqattgħu ħin ta' kwalità mal-familja fil-post fejn ikunu għal qalbhom l-aktar.

Wara kollox, jekk allaħares qatt, imutu kawża tan-nar tal-festa, jitqiesu bħala martri; ikunu mietu għall-Patrun tagħhom. Ninsew li jkunu ħallew lil marthom jew żwieġhom romol, lit-tfal iltiema u lill-ġenituri bl-akbar qsim il-qalb li jistgħu qatt iħossu. U ngħid jien, jekk dal-qaddisin ma jiħdux pjaċir bix-xogħol tan-nar …?
'U mur x'int tgħid… ma jistax ikun,' kieku jgħiduli bl-leħen wieħed il-parruċċani.



Għall-festi tar-raħal kulħadd jagħti sehmu; jinħietu pavaljuni ġodda, jiżdied l-armar bil-pavaljuni, girlandi tal-karti u dwal ikkulurit, kolonni u t-trofej … delizzju sabiħ li bih jinpikaw ma' xulxin. Imma nwkiet kbir matul il-festi qatt ma nqala'… minbarra darba … meta kienet inqalgħet waħda kbira.

Kien għadu kif beda s-seklu wieħed u għoxrin u s-sena bdiet mill-ewwel bil-maltemp. Għal jum il-festa ta' Sant'Anjeże kienet imsemmija x-xita u mas-sebħ beda juri li l-ajru kellu l-ilma. Dawk ma' San Mattew kollha marru għall-Quddies ta' filgħodu bl-umbrella f'idhom … ħeq ma xtaqux li jixxarbu.

"Arahom kemm jixtiequ jisimgħuha tfaqqa' imma f'wiċċhom ser jibqa' għax l-ajru qed jiftaħ", bdiet tgħid Agnes, li ma kien jgħaddi xejn minn quddiem għajnejha bla ma tinduna. Kienet ma' ħabibitha Doris għand tal-groser jixtru l-aħħar bżonnijiet għal filgħaxija. Dakinhar, bħal kull sena, 'Agneta Store' biss kien jiftaħ għax l-ieħor kien jibqa' magħluq. Ma nafx kemm kien hemm nies mir-raħal li studjaw il-Latin, imma naf biż-żgur li kollha kienu jafu b'liema lingwa kien dak l-isem, miktub b'ittri kbar fuq il-ħanut ta' Ineż.  Dakinhar ħadd ma kien imur, mill-partitarji ta' San Mattew, jixtri minn hemm; inkella jitqies bħala traditur.

Sadattant il-preparamenti tal-festa baqgħu għaddejjin u kollox baqa' jintrama bħas-soltu. Sar waranofsinhar u għalkemm l-ajru baqa' griż l-ebda qatra xita ma niżlet. Bdew jaslu l-bejjiegħa u jiżgrumbaw it-toroq, waslu l-bandisti u bdew isibu posthom fuq il-pjanċier, wasal it-tenur u ħaduh fejn jista' jara lis-surmast. Fl-għalqa tan-nar bdew ilestu biex jaħarqu s-salut. Sadattant il-pjazza mtliet bin-nies, kollha ħerqana biex iċapċpu u jkantaw hekk kif il-vara tifrex rasha 'l barra mill-bieb il-kbir, għal fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Ir-reffiegħa u tal-forċina daru mal-vara waqt li l-kappillan u l-fratelli ħadu posthom. Hekk kif wasal il-ħin il-vara ċċaqalqet minn postha u bdiet tersaq lejn il-bieb prinċipali bil-mod il-mod, fost iċ-ċapċip tan-nies li kienu joħonqu l-Knisja. Kif il-vara waqfet barra mill-bieb għal fuq iz-zuntier, beda jinħaraq is-salut, bdew jindaqqu l-innijiet u bdiet miexja l-purċissjoni,
"Viva Sant'Anjeże l-Qaddisa kbira tagħna, l-isbaħ waħda ma ssibx bħalha", bdew jgħajtu u jkantaw.
"Hemm arawhom il-kwiekeb fis-sema", għajtet Ineż, l-iqsar mara tar-raħal, bl-itwal ilsien li jlaħħaq mal-



għawġ ta' kulħadd. Imma qabel ma rnexxielha tgħid kelma oħra instemgħet tregħida ħoxna li ħasditha.

"Dan x'ħoss hu?" reġgħet staqsiet Ineż lil ta' ħdejha, imma fil-pront qatra xita ħoxna ħabbtet ma' mniħirha, faqqgħet ragħda u bdiet nieżla x-xita bil-qliel. Il-pjazza tbattlet; min daħal jiġri l-knisja, minn daħal wara xi bieb u ħafna spiċċaw imxarrbin għasra. Il-purċissjoni tħarbtet; ir-reffiegħa daru u b'pass mgħaġġel erħewlha bil-vara lejn il-Knisja. Mela f'daqqa waħda huma u telgħin iz-zuntier tfaqqa' sajjetta u minflok ma nġibdet mill-kalamita ta' fuq il-kampnar laqtet wieħed mit-trofew li kienu mdawrin mal-pjazza.

X'ġiġġifogu ġiġġifogu! Dawl qawwi bħal dak qatt ma kienu raw; ħoss daqstant tal-biża' qatt ma kienu semgħu. Ir-reffiegħa twerwru, il-vara żelqitilhom minn idhom u ġrew għal ġol-knisja jinbuttaw lil xulxin. Tal-forċina għamlu bħalhom; anzi waslu qabilhom! U l-istatwa addiju; ħadet daqqa mat-taraġ taz-zuntier, inqalgħulha rasha u l-id il-leminija, li tfarrku f'mitt biċċa!

Fil-pjazza instema' twerżiq kbir u ħadd ma seta' jemmen 'l għajnejh. Kellhom raġun.
Kollha setgħu jaraw l-istatwa ta' Sant'Anjeże mkissra f'nofs it-taraġ taz-zuntier, bil-biċċiet mill-bradella mferrxin madwarha. F'nofs tal-pjazza, it-trofew kien mitfugħ mal-art, bid-duħħan għadu ħiereġ minnu; il-bandalora kienet sparixxiet u żewġ bnadar minn tal-ġnub kien għadhom qed jaqbdu.

Kien hemm min qabad jibki, kien hemm min ħassu ħażin u kien hemm lil min qabditu ferneżija. Kif il-ħalba xita naqqset, in-nisa fittxew jidħlu l-knisja u l-irġiel u ż-żgħażagħ qabdu jdaħħlu dak li kien għad fadal sħiħ, għal ġos-sagristija. X'ħerba kienet saret, x'waħda din!

Il-knisja mtliet bin-nies; u stajt tisma' minn jgħid,
"Kollu ħtija tal-Kappillan… hu ħallihom joħorġuha," jew "Minn jaf x'gost għandhom ta' San Mattew, issa li saru jafu x'ġara. Minn jaf kemm xtaquha dix-xita ja qatta ħodor… kieku ma kienx hawn is-Sagrament ... aħfirli Mulej u żommli lsieni!", nstemgħet tgħid Ineż.

Wara li l-Kappillan xorob it-tazza kamumilla li newwillu s-Sagristan, ħareġ jiġri fuq l-artal.
"Isimgħu ħuti; ejjew ninżlu lkoll għarkubbtejna nagħtu qima 'l Alla għax bl-interċessjoni ta' Sant'



Anjeże u San Mattew ħadd ma ndarab f'dak li seħħ illejla. Dan għandu jfakkarna li l-istatwi kollha jistgħu jispiċċaw f'ħakka t'għajn; wara kollox il-Qaddisin fis-sema qegħdin u ma nistgħu nitilfuhom qatt. Taqtgħux qalbkom, għal sena oħra jekk Alla jrid, nibdew naħsbu għal statwa ġdida."

Għal ħafna nies dal-kliem waqa' fuq widnejn torox; bix-xokk kienu għadhom qed jhewdnu u jnewħu. Saħansitra kien hemm min beda jwaħħal f'San Mattew… kif u għaliex, għadni sal-lum, ma nistax nifhem!

Peress li kulħadd kien bala' ħalba xita il-Kapillan qata' fil-qasir u wara l-Benedizzjoni kollha marru lejn darhom, itertru bil-bard u jċafalsu fl-ilmijiet. Matul il-lejl l-irqad kien mimli ħolm ikrah… hekk qamu jgħidu l-għada filgħodu. Dawk ma' Sant'Anjeże ħolmu b'dak li ġralhom u dawk ta' San Mattew b'dak li sata' ġara lilhom.
Ajma ħej! L-istatwa ta' San Mattew kien imiss issa!

L-għada filgħodu malli l-Kapillan u Karmnu s-Sagristan sabu ruħhom waħedhom, telgħu sa fuq is-saqaf tal-Knisja biex jaraw x'kien ġralha l-kalamita; il-għala ma kinetx ħatfet is-sajjetta qabel ma din leħqet l-istatwa. Mexjin wara xulxin fittxew il-kalamita mwaħħla mal-kampnar tal-punent; imma ma rawhiex.

"Imma int żgur li hemm kienet imwaħħla Karm...?" imma Karmnu ma ħallihx jispiċċa,

"Hemm hi... hemm araha… dik kif ġiet hemm?" u b'subgħajh beda jurih biċċa ram twila bl-arblu b'kollox, mitfugħa fl-art mal-ġenb tal-kampnar.
"Din kif inqalgħet minn postha u spiċċat hawn?"
"Ħa ngħidlek Kappillan; jien ċert m'iniex ... imma xi tliet xhur ilu qabbadna 'l Matt jagħmel xi xogħol hawn fuq. X'aktarx li biex jaħdem komdu kellu jaqlagħha. Mela nesa jwaħħalha u ħallieha hawn taħt. Issa ngħidlu jien..."
"Le Karm," waqqfu l-Kappillan,
"Ħallini nkellmu jien u fuq dil-biċċa xogħol titkellem xejn u ma' ħadd, għax taf tinqala' waħda kbira."
"Iwa sewwa qed tgħid. Għax biex tgħaxxaqha familtu ma' San Mattew. Għalih kienet semmietu ommu, Alla jaħfrilha. Iwa, iwa din trid tibqa' bejnietna."
"Issa ħu ħsieb qabbad lil min jerġa' jwaħħalha hemm fuq", kompla l-Kappillan, "lil xi ħadd li joqgħod 'il bogħod minn hawn u li għandu fommu sieket. Sakemm il-kalamita terga' tmur f'postha, inżomm il-muftieħ tal-bieb t'hawn fuq, maqful fl-uffiċċju tiegħi. Issa ejja ninżlu Karm qabel ma jinqala' xi proxxmu."

Dakinhar filgħodu, l-imħuħ tan-nies tar-raħal bdew jaħsbu iktar fil-fond.
"Tal-bieraħ miraklu kien! Ħadd ma weġġa'… miraklu żgur mhux forsi! Issa nagħmlu statwa isbaħ u ikbar minn ta' qabel; hekk jixraq. Għax issa l-Qaddiesa tagħna wrietna biċ-ċar kemm hi kbira", qalu ta' Sant' Anjeże.

"Safrattant tagħhom tfarrket… u tagħna għadha sħiħa", bdew jgħidu ta' San Mattew,
"Dis-sena nagħmlulhom l-isbaħ u l-ikbar festa li qatt għamilna, u jekk ikun hemm ċans li taqa' qatra waħda xita, l-istatwa tal-qaddis tagħna tibqa' ġewwa; jgħid x'jgħid il-Kappillan."

U nista' ngħid li fir-raħal ta' Ħal Ħarrub, għadhom sal-lum ma jafux bis-sehem li kellu Matt f'dak kollu li kien ġara!

**MALTIFOBJA**

Quddiem poplu jitkellem
b'ilsien li mhux tiegħu,
ma jafx jixtieqx ikun Malti
jew barrani, nistaqsi
inix ċittadin bla identità
bħalu misjuq minn tabù
li jġiegħlu jistħi jitkellem
b'ilsienu ġewwa pajjiżu.

Tgħid mhuwiex l-istess
l-ilsien li tatni ommi
li tani mssieri
bħalma tatu ommu
bħalma tah missieru?
Għaliex jekk tiġri d-dinja kollha
ma ssibx ġens wieħed bħalna
li trabba u kiber ifisser ruħu
bi lsien art twelidu mbgħad caħdu.

Jekk għad jasal dakinhar li fih
niddgħajjef u nħossni nistħi
nitkellem bil-Malti f'pajjiżi
u nagħmel bħalu,
uliedu uliedi jfakkruni
li għada pitgħada għad jixluni!

**MARIO ATTARD**

**IL-WIDIEN**

Fondi jew baxxi,
jiżżersqu mill-ġnub;
fl-għoljiet jew f'wita',
b'qiegħhom kultant b'tub.

Uħud b'ġenbhom blat,
jew b'tajn, imtarrġa
b'ġebel imwaqqaf,
minn nies imħarrġa.

Dawn għandhom ilma,
li jgħaddi jiġri,
mhux bħal dawk xotti,
b'xemx fuqhom tiġri.

B'ilqugħ ta' ħitan
daqqiet issibhom,
magħmula bħal pont,
biex b'triq iġġibhom.

F'qiegħhom b'xi ħama,
b'oħrajn nodfa sew;
ta' l-ewwel maħmuġ,
tat-tieni sbieħ ġew.

Uħud jisserpu
fit-tul, jew dritti,
minn kanal jgħaddu,
f'deżert imwitti.

Widien minsija,
u dawk imfakkra,
għal ġrajjiet tagħhom;
fi skiet imsakkra.

Ilkoll dawn widien,
mejtin jew ħajjin,
b'nixfa jew ħdura,
sfajrin jew safjin.

**JOSEPH BONNICI**

**L-GĦAŻLA**

Hemm nasba lesta għalina
fid-dlam tal-wħux u d-djieb.
Id-driebes jiġru mġewħa.
Is-sħaħar jixħtu s-sriep.

Hemm rand lest jistenniena
fid-Dawl li juri t-Triq.
Il-Kelma illi tisboq,
u xxejjen kull taqriq.

Miftuħ salib it-toroq
lejn emmna jew dagħbien.
Hemm l-għażla ta' quddiemna,
il-jasar jo' l-ħelsien.

**RAYMOND GRECH**
**(minn *Lejn l-Għamajjar*, 2019)**

**ĦAJKU**

Ma baqa' xejn
ħlief xi ritratt sfukat
tal-omm Maltija.

**JOE FRIGGIERI**
**(minn *Mitt Ħajku*, Filprint Publications, 1997)**

**SE PARLO CON TE**

Se parlo con te, io parlo col vento.
Se cerco dentro di me, io sto cercando te.
Se sento una canzone nell'aria, ascolto te.
Quando mi senti domandare senza aspettare una risposta
è perché sto chiedendo tante cose di te.
Tu, che in questa immensità riesci a fare la differenza.
Con te ascolterei i silenzi del crepuscolo,
e l'incantesimo del tramonto.

**ALFRED GRECH**

**INDIGO**

Naf nikteb
bil-lingwa tat-tbenġil
b'jeroglifiċi-mapep
imfassla biex jinftiehmu.
Il-marka tal-vjolenza
nillapazza
fuq min jikkuntrarjani.
Nitkellem bil-kulur
u biex jifhmuni sewwa
nistampa d-dbabar kbar.
Bla preavviż niġi u mmur
bħar-raxx tal-allerġija
nagħdab, nirvilla,
nirrakkonta stejjer tqal
bħas-sejf f'qalb id-Duluri;
orribbli bħall-pussessi
li jċekknu u jinstigaw.
Meta nira bil-ponnijiet,
inlewwen il-vjola blu
bl-isfumaturi fl-isfar
siġill li jitħassar biss
bl-inkin u l-penitenza.

**THERESE PACE**

**SINFONIJA MEKKANIKA**

Idamdam ġo widnejja
il-ħoss ta' kompressur
iħaffer il-wiċċ iswed
ta' tarmak mogħti sħun.
Ir-roti kbar ta' trakkijiet godlija
isebbħu dan l-ambjent
b'noti ta' vibrazzjoni.

Jingħaqad magħhom
it-twerdin ta' ajruplan lussuż
iżanżan aktar minn kemm hawn nemus.

Agħtuni siġġu komdu
ħa nitfa' rasi lura
mitluf nitgħaxxaq noħlom
b'dil-ħelwa sinfonija
maħluqa minn bnedmin għaqlija!

**JOHN MALLIA**

**GRAN MUSKETTERIJA**

teħid tal-idejn u taptip fuq l-ispallejn,
it-tisfira ritwali,
bdiet partita futbol.

u magħha beda' pjan dijabol'ku,
minn moħħ anonimu,
u gran musketterija.

x'inhu jiġri? x'inhu ġej? x'qed iseħħ madonna?
katina ta' bombi jisplodu,jixgħelu, ibiċċru,
addio futbol.

addio tisfira ritwali,
addio rebbieħa/telliefa.

**MARIO GRISCTI**

**MY PASSPORT**

I, man without a name,
have a passport of many colours.
Whenever I travel they put me in a cell to ask me where I am from.
I am from the land of a million stars,
from an unknown island in the ancient sea of dreams.
At night, I hear the stateless waves lashing on the rocks,
I watch Vega cruising across the Milky Way,
I envision the Holy Virgin on a ship,
comforting poor convicts and chained slaves on their last voyage,
escaped prisoners and so many damned Crusoes,
so many black and forgotten Ulysses
yearning for a sign under the stars.
There were no papers then.
Only hunger, dirt and pain,

only the thousand colours of the sky.

So hold my hand dear brother and don't let me drown
for the ancient sea of dreams has become a grave.

I have a passport of many colours:
red from the pomegranate's seeds,
orange as the Scirocco's breath,
yellow like the Sahara's dust,
white as the bones abandoned on the dunes of the Fezzan,
green like St.Elmo's fire,
blue as the eyes of Osiris in the storm,
purple like the Punk Moon's dyed hair
while he makes love under the stars.

I have a passport of many colours,
as many as the galaxies in their lawless ramble
across the heavens.
For as the prophet without a name once said:
we are all born free under the stars.

**STEPHEN CACHIA**

**WARDA LI QATT MA DBIELET**

Kuljum inħarsu lejk ,għal darba tlieta;
narawk fil-ġnien, O Warda safranija.
Narawk titbandal ma' xi żiffa ħelwa,
ġa post għall- kenn u imħawla ġo qasrija.

Min jaf għalfejn m'intix bħal kull ward ieħor,
li jaqa' u jinxef wara ftit taż-żmien.
Forsi għax qiegħda tħares lejk Marija
li qiegħda ssebbaħ l-għar li hemm fil-ġnien ?

Narawk minn wara t-tieqa, marti u jiena;
inħarsu lejk biex forsi nsibu ħjiel.
Kif jista' jkun li warda ddum daqshekk
miftuħa, qisha qatt mhi ser tidbiel.

U inti wkoll bħal din il- warda sbejħa,
għalkemm int kbirt u tħossok ftit għajjiena.
Sabiħa kont u għadek hekk, sa issa,
tfewwaħ fil-ġnien tal- qalb li għandi jiena.

**JOSEPH SCIBERRAS**
**Ħ'ATTARD**

**TEKTEK, TEKTEK**

Tek tek,tektek, dejjem tektek.
Moħħok biss fuq il-mobile
Tektek, tektek. ibqa' tektek.
Il-ħin kollu , all the while.

Ċempel, ċempel, dejjem ċempel.
Dalwaqt tasal f'nofs the street.
Ċempel, ċempel, Ibqa' ċempel.
Bla ma tara, those you meet.

Chatting chatting, ibqa' chatting.
Very soon ser itajjruk
Surfing, surfing. Ibqa' surfing.
Fuq it-Twitter, jew facebook.

Selfies, selfies, iġbed Selfies.
Biex turina kemm int sweet
Kull tant iġbed naqra movie
From your head down to your feet.

Għafas, għafas, ibqa' għafas
Għajnejk dejjem on that screen.
Għafas, għafas, erġa' għafas
As long illi jgħaddi l-ħin.

Touch screen, touch screen, always touch screen
Ġieli news, more often games.
Tektek, tektek generation!
Se nsejħilkom by that name .

**JOSEPH FELIX CACHIA**
**p.s. Written apposta bil-Maltenglish**

**PILATU**

u allura ħsilt idejk?
miskin!

qisek jien

qisek hu qisek hi
qisek huma qisek aħna

x'dinja ta' pilati din!

**VICTOR FENECH**
**(minn *L-Aħħar Rimi*, PIN, 1997)**

**SPRING IS COMING**

Nature woke up and got dressed
its familiar colors,
air transports myriads scents,
fragrances of the flowers'
sun is playing on the earth.
Everywhere is the wisdom of God
and people fall silent.

**ZACHAROULA GAITANAKI**
***Il-Greċja***

**ANTI-QUIXOTE**

To avoid being quixotic
when we see a nuclear plant
we say it is a windmill...

However there stands
a dangerous giant
able to decimate
all creatures in the planet.

**TERESINKA PEREIRA**
***L-Istati Uniti***

**CI SONO DOLORI CHE NON PASSANO**

Ci sono dolori che non passano
chiodi che non scacciano
mani di carte che non cambiano
bluff che non reggono
amori che distraggono
solo per poco
preghiere che non arrivano
risposte che mancano
per domande che ormai nemmeno più
si pongono
misteri che affascinavano
senza ricordare perché
i ricordi fuochi di carta che bruciano
l'attimo
e il freddo dopo è più gelido
fantasmi che ballano
droghe che non sballano
ideali che si aggrappano nel vuoto
cerchi che non si chiudono
lacrime che risalgono
sorrisi che piangono
strade senza uscita
nei labirinti dei perché
poesie che non salvano

Ci sono dolori
che non passano.

**MARCELLO MORETTI**
**L-Italja**

**IL PRIMO TUO FIORE...**

Il pimo tuo fiore
quando ho aperto gli occhi
e tu che mi hai fatto bella.

Io portavo in giro
la tua infanzia
la tua adolescenza
e poi la nostra libertà
negata. Da che ho compreso.
Quasi sorelle.

Ma io leggevo, scrivevo
e mi permettevo di sognare,
mentre tu accudivi la casa
e ti accontentavi delle tue ombre.

I tuoi sogni
- mi hai detto sempre -
finiti a diciott'anni.

**IDA DI IANNI**
**(minn *Seno amaro*, Volturnia Edizioni, 2019)**
***L-Italja***

**A TOTAL CATASTROPHE**

The toils of a whole life
you lose from one moment to the next,
you find yourself in despair
and you don't know what to do.

Unscrupolous men
destroy everything
and they don't ask the needy people
if they still have debts.

**ELENI I. GRIVAS**
**(minn *Pictures of Life*, Lamia, 2010)**
***Il-Greċja***




***IN-NATURA TIBKI* ta' Sergio Grasso, Horizons 2019**

Din hija t-tieni ġabra ta' Sergio Grasso, wara li fl-2011 kien ħareġ l-ewwel ktieb tiegħu *Imrar*. Interessanti hija l-istruttura ta' dan il-ktieb fejn Grasso jalterna bejn kitbiet f'għamla ta' versi (disgħa b'kollox) ma' oħrajn ta' forma narrattiva (tmienja b'kollox). Fil-ktieb hemm inklużi wkoll disinji sempli1i imma li jorbtu mas-suġġett narrat. Hawn Grasso jmiss ftit mill-ħrejjef tan-natura li spiss jaraha tibki, ladarba jaf li n-natura tkun ħafna aħjar mingħajr il-preżenza tal-bniedem. Jispikkaw ukoll il-karba u l-uġigħat tal-bniedem in ġenerali, li jbati għax moħħu spiss jilgħab il-parti tal-għadu. L-aħħar rakkont iġib l-isem ta' Il-*Pendlu*, li żgur ifakkar f'Edgar Allan Poe.




***ĠIRJA FIX-XAGĦRI - ĠABRA TA' REUBEN PAUL BORG DWAR PAUL P. BORG*, 2019**

Dan hu ktejjeb ta' 47 paġna li jiġbor fih sitt kitbiet li jixħtu dawl fuq Paul P. Borg kittieb, miktubin minn Charles Briffa, Victor Fenech, Charles Flores, Oliver Friggieri, Alfred Sant u Trevor Żahra. Hemm ukoll żewġ kitbiet oriġinali ta' uliedu Reuben Paul u Randolph Carl Borg, flimkien ma' Nota Bijografika u lista tal-kotba li Paul P. Borg ippubblika mill-1984 sal-preżent. Ktieb bħal dan ingħata bħala rigal lil dawk li attendew għas-Serata Mużiko-Letterarja f'Ġieħ Paul P. Borg li saret fil-11 ta' Diċembru 2019, taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta George Abela u s-Sinjura Vella, f'għeluq is-70 sena tal-kittieb.




**_LEJN L-GĦAMAJJAR_ ta' Raymond C. Grech, 2019**

Dan huwa l-aħħar volum ta' triloġija, wara li ħareġ l-ewwel żewġ volumi bl-isem ta' *Qasab Iċaqċaq* (2017) u *'il barra mill-prIŻMI* (2018). *Lejn l-Għamajjar* jiġbor fih 86 poeżija ġdida ta' Grech, b'Daħla mill-pinna tal-Prof. Oliver Friggieri, kummenti kritiċi dwar it-tieni volum minn personalitajiet differenti, intervista mal-poeta, u taqsima bl-isem ta' "Tifsir il-Kliem". Meta jinqraw il-versi ta' Grech jinħass li dan hu bniedem li jgħix ħaġa waħda mal-Kelma u mal-Ispirtu, u proprju din ir-relazzjoni jirnexxilu jibdilha f'versi li jinżlu għasel filwaqt li jservu bħala salm, ħajr, tifħir u riflessjonijiet varji f'rabta mal-mixja tal-bniedem fuq din id-dinja. Infatti, wara kull poeżija Grech jinkludi wkoll siltiet mill-Bibbja, li għalih hi fonti jew għajn tar-Ruħ. Huma versi li, kif jammetti Grech stess, jittrattaw l-attwalità u l-ħajja tal-bniedem, mit-twelid sal-mewt u lil hinn. Dan hu poeta li jgħaraf li qed ngħixu f'dinja b'valuri li qed jiġu mnaqqra kuljum, dinja fejn il-bniedem tbiegħed mill-veri mistoqsijiet tal-ħajja: kif għandu jgħix? X'qiegħed jistennieh wara l-aħħar nifs? Is-saħħa fil-versi ta' Grech, apparti fis-simboliżmu, qiegħda anki fl-għażla tal-kelma Maltija safja, dik marbuta mal-Bibbja ta' Pietru Pawl Saydon, kelma li għalkemm xi drabi diffiċli biex tinftiehem, ġejja direttament mill-qiegħ tar-Ruħ u tmur lura għal żmien meta l-bniedem kien ħaġa waħda ma' Alla u mal-elementi naturali ta' madwaru.




**_SENO AMARO - ANTOLOGIA DI POETI ITALIANI E STRANIERI_, editjat minn Giuseppe Napolitano u Ida Di Ianni, Volturnia Edizioni, 2019**

Kemm hi ħaġa sabiħa meta toħroġ għad-dawl antoloġija poetika li tiġbor fiha l-poeżiji ta' numru ta' poeti (7 irġiel u 11-il mara!) ta' ġenerazzjonijiet differenti li għadhom jiktbu sal-ġurnata tal-lum. U kemm hu isbaħ meta l-ilħna poetiċi li ssib miġburin fi ktieb bħal dan ikunu ġejjin minn pajjiżi differenti. *Seno amaro* jiġbor fih il-poeżiji ta' 18-il poeta differenti minn pajjiżi differenti: it-Turkija, l-Italja, il-Marokk, l-Albanija, il-Greċja, l-Isvizzera, u Malta (b'ħames poeżiji bit-Taljan ta' Patrick Sammut). Din l-antoloġija għandha daħla qasira ta' Rossella Fusco, psikoterapewta u poeta hija stess. Il-fil komuni li jgħaqqad dawn il-poeti u x-xogħlijiet poetiċi tagħhom flimkien hija l-imħabba materna. Il-figura tal-omm hija s-suġġett ta' parti kbira mill-poeżiji magħżula, ladarba r-rabta bejn l-omm u l-ulied tibqa' anki wara l-mewt. It-tema l-oħra hija l-imħabba, li hawn tmur anki lil hinn minn dik esklussivament bejn l-omm u l-ulied, u tmiss spazji usa'. Versi bħal dawn ifakkru wkoll li l-imħabba hija sentiment universali li m'għandux fruntieri u għalhekk hu valur li jgħaqqad lill-popli. Il-parti l-kbira tal-poeżiji miġburin f'*Seno amaro* huma miktubin b'metrika u prosodija ħielsa , u dan ikompli jagħmel din l-għażla waħda kontemporanja.